Vol 30
Nru 165
Lulju - Settembru 2009

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.



Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2009



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


# Werrej




5





24





30



39


5 Meta l-Bażilika tal-Qabar ħadet in-Nar

15 Pawlu ta’ Tarsu (6)

24 Pellegrinaġġ taż-Żgħażagħ

30 L-Aħħar Ikla ta’ Ġesù mal-Appostli

34 Il-persuna ta’ Ġesù skont S. Luqa

39 In-Nawfraġju ta’ san Pawl

43 Il-Misterju tat-Trinita (4)




43

# Editorjal

ta’ P. Twanny Chircop ofm



## BENEDITTU XVI FL-ART IMQADDSA

Mid-9 sal-15 ta’ Mejju, il-Papa Benedittu XVI ġie bħala pellegrin fl-Art Imqaddsa. F’ġimgħa intensa hu żar il-Ġordanja, Israel u l-Palestina, bl-iskop li jiltaqa’ ma’ l-insara lokali u jagħtihom messaġġ ta’ kuraġġ u tama. Matul dawk l-istess ġranet il-Papa żar ukoll xi santwarji importanti tal-fidwa, fosthom il-Muntanja Nebo u l-post tal-Magħmudija ta’ Ġesù fil-Ġordanja, il-Bażlika ta’ l-Annuncjazzjoni f’Nazaret, il-Bażilika tal-Qabar ta’ Kristu, il-Ġetsemani u ċ-Ċenaklu f’Ġerusalemm, Israel, u l-Bażilika tan-Natività f’Betleħem, Palestina.
Kienet żjara impenjattiva u intensa, li ġabet magħha preparazzjonijiet kbar. Il-Kustodja ta’ l-Art Imqaddsa kienet minn ta’ quddiemnett fl-organizzazzjoni, b’mod partikulari dik tal-quddiesa li l-Papa ċcelebra fil-wied quddiem il-Ġetsemani u fiċ-celebrazzjoni li saret fiċ-Cenaklu, imma wkoll fiċ-celebrazzjonijiet li saru f’Nazaret u f’Betleħem.
Minkejja li viżta papali ġġib magħha ħafna xogħol, u ħafna inkomprensjonijiet bejn l-organizzaturi, il-patrijiet Franġiskani tal-Kustodja ta’ l-Art Imqaddsa taw eżempju ta’ kortesija u ġentilezza li ħallew edifikati saħansitra l-istess cerimonieri pontifiċji u l-aġenti tas-sigurtà tal-Papa. Dan għaliex fl-Art Imqaddsa xejn ma jista’ jsir mingħajr tensjoni u firda. Dan sfortunatament jidher li hu ta’ skandlu, quddiem sitwazzjoni li fiha l-insara huma biss 2 fil-mija tal-popolazzjoni, imma wieħed



*...editorjal*

# *Benedittu XVI fl-Art Imqaddsa*

jifhmu wkoll minħabba l-fatt li l-knejjes insara fl-Art Imqaddsa huma aktar minn 13, u l-istess Knisja Kattolika għandha żewġ organizzazzjonijiet kbar li jirrappreżentawha, jiġifieri l-Patrijarkat Latin u l-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa.
Minkejja nuqqas ta' qbil li bil-fors jiġri f'okkażjonijiet bħal dawn il-kapijiet insara, fosthom in-Nunzju Antonio Franco, il-Patrijarka Latin Fuoad Twal u l-Kustodju Patri Pierbattista Pizzaballa ilkoll iddikjaraw li kienu kuntenti bil-frott li ħalliet warajha din iż-żjara papali, l-aktar fost l-insara lokali, li kienu l-mira ewlenija tad-diskorsi tal-Papa, li ġie esplicitament fuq żjara pastorali.
Waqt intervista li għamel il-Kustodju, ġie mitlub jagħti bilanc tiegħu dwar iż-żjara ta' Benedittu XVI fl-Art Imqaddsa. Hu qal: "Mill-punt ta' vista pastorali il-bilanc hu assolutament pożittiv. Il-komunità kristjana jeħtieġ li tieqaf milli toqgħod tibki fuqha nnifisha, għaliex issa kulħadd sema' kliem qawwija u cari: m'intomx weħidkom, m'intomx abbandunati. Il-Papa qal dan f'diversi cirkostanzi. Tkellem b'mod mill-aktar car, imma mingħajr ma għalaq il-bibien quddiem ħadd, u wera li hu possibbli, anke jekk l-insara huma ftit, li jiltaqgħu u jitkellmu mal-partijiet kollha involuti. Hu wera f'dawl qawwi l-preżenza tal-komunità kristjana, u din mhix ħaġa ta' kif ġieb u laħaq. Hemm bżonn li nibqgħu ngħożżu din l-esperjenza".
Rigward ir-rwol tal-Papa fid-diskors favur il-paci, il-Kustodju qal: "Il-process ta' paci għandu r-ritmu tiegħu. Hi ħaġa żgura li l-vjaġġ tal-Papa għen biex titnaqqas il-biża', għalkemm għad hemm ħafna biża'. Issa jmiss lilna li nimxu 'l quddiem tul it-triq li indikalna Benedittu. Nittama li l-Palestinjani jirriflettu dwar dan, mingħajr ma jinġarru żżejjed mill-emozzjoni. U li jerġgħu jsibu l-għaqda bejniethom biex jagħmlu għażliet qawwija u kuraġġużi. U nittama li l-Israeljani jagħrfu l-aspirazzjonijiet ġusti tal-Palestinjani".



# META L-BAŻILIKA TAL-QABAR TA' KRISTU ĦADET IN-NAR (1808)

*Noel Muscat OFM*

Is-sena 2008 immarkat it-tieni ċentinarju mill-famuż inċendju tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li seħħ fil-lejl tat-12 ta' Ottubru 1808. Jekk il-ġrajja ta' l-usurpazzjoni li għamlu l-Griegi Ortodossi fis-Santwarji tal-Qabar ta' Kristu, tal-Qabar tal-Madonna u ta' Betleħem fl-1757 kienet okkażjoni li fiha l-Franġiskani tilfu diversi drittijiet li kellhom fuq dawn il-Postijiet Qaddisa, l-effetti ta' l-inċendju tal-Bażilika kien ukoll ta' ħsara għall-Franġiskani, li



ma tħallewx bl-ebda mod jieħdu sehem fir-restawri tal-Bażilika. Fatt premeditat mill-Griegi Ortodossi, biex iħassru kull ħjiel ta' arti Kruċjata fil-Bażilika, li kienet, fil-fatt, ġiet restawrata kif nafuha llum mill-Kruċjati fis-seklu 12.

L-informazzjoni storika li sejrin nagħtu fil-kumplament ta' l-artiklu tinsab fil-volum ta' GIROLAMO GOLUBOVICH OFM, Biblioteca Bio-Bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano, Nuova Serie – Documenti, Tomo XIV, Collectanea Terrae Sanctae, opus posthumum R.P. Leonardi Lemmens ofm editum cura et studio P. Hieronymi Golubovich ofm, Collegio S. Bonaventura, Ad Claras Aquas, Quaracchi 1933, pp. 167-186 [«De incendio Basilicae S. Sepulcri – Acta 1808-13).

## Il-ġrajja ta' l-inċendju tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu (1808)

Kienu t-tlieta u kwart ta' filgħodu tat-12 ta' Ottubru 1808. Fil-kappella li għandhom l-Armeni Ortodossi fil-gallarija interna li ddur mal-koppla kbira ta' l-«Anástasis» fil-Bażilika, fin-naħa ta' l-Armeni qrib il-Kalvarju, dehret vampa nar li setgħet qabdet mix-xemgħat mixgħulin (hu misteru sal-ġurnata tallum kif beda n-nar, u jekk kienx att ta' piromanu li ried iqabbad il-Bażilika bi skopijiet ulterjuri, kif naraw aktar tard). L-ewwel ma lemaħ in-nirien kien l-assistent sagristan tal-Franġiskani, li kien sejjer biex jixgħel il-lampieri tal-kappella Latina tal-Kalvarju. Hu lemaħ raħeb Armen anzjan li kien iddisprat u ma jafx x'se jagħmel, u mar mill-ewwel biex jgħin ħalli jintfew in-nirien. Imma ilma ma kellux, u l-altar li fuqu qabad in-nar kien ta' l-injam, hekk li malajr sar ħuġġieġa waħda. Il-fjamma malajr invadiet iċ-ċelel ċkejknin ta' l-Armeni li hemm fil-loġoġ tal-gallarija fuq din in-naħa tal-Bażilika. Sadanittant il-patrijiet Franġiskani, li kienu qed jistrieħu fuq in-naħa l-oħra tal-gallarija interna, fejn antikament kellhom iċ-ċelel tagħhom, wara li temmew l-uffiċjatura tal-Matutin li jagħmlu kuljum bil-lejl, qamu meta semgħu l-istorbju, u marru jiġru jqajmu s-sagristan Armen. Imma dak il-ħin stess in-nirien bdew jinfirxu u beda jaqbad il-kor tal-Griegi Ortodossi fil-«Kathólikon» tal-Bażilika, kif ukoll bdew jaqbdu diversi ċelel tal-

Griegi, Armeni, Sirjani, Abissini u Kopti fuq in-naħa ta' wara tal-koppla kbira ta' l-«Anástasis». Il-koppla kbira kienet ġiet restawrata fis-seklu ta' qabel mill-Franġiskani, u kienet mibnija minn travi kbar taċ-ċedru tal-Libanu, u miksija biċ-ċomb. In-nirien ma damux ma bdew jinvadew dawn it-travi kbar u l-koppla kbira li taħtha hemm l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu bil-mod il-mod saret ħuġġieġa waħda. Sadanittant il-patrijiet bdew isalvaw dak li setgħu mill-knisja, bl-għajnuna ta' diversi żgħażagħ u rġiel li kienu issa ġew jiġru biex jagħtu daqqa t'id meta raw id-dħaħen ħerġin mill-koppla tal-Bażilika. Imma n-nirien malajr sabu quddiemhom l-injam ta' l-orgni kbir li l-Franġiskani kellhom, u għad għandhom sallum, fil-gallarija tal-Bażilika, u fi ftit ħin l-orgni sar ħuġġieġa waħda. Mhux biss, imma l-fjammi mxew ukoll lejn in-naħa tal-Latini tal-Bażilika, jiġifieri l-kappellun ta' Santa Marija Maddalena, eżattament faċċata tal-parti Armena fejn in-nirien kienu bdew. Mill-għoli tal-koppla kbira bdiet nieżla xita ta' njam jaqbad, ta' ċomb jikwi u maħlul, li beda jhedded l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu li kien hemm taħt il-koppla. Bejn il-ħamsa u s-sitta ta' filgħodu l-koppla ċediet u waqgħet fuq l-Edikola, qisha l-infern li nieżel fid-dinja. In-nar kien hekk vjolenti li beda jikkalċifika l-ġebel u l-irħamijiet tal-kolonni kbar li jsostnu l-koppla ta' l-«Anástasis», hekk li bdew jaqgħu wkoll xi kolonni kbar u tqal fl-istess Bażilika. Ftit wara waqgħet il-volta kbira Kruċjata fuq il-«Kathólikon» tal-Griegi u t-tribuna kbira li hemm fuq l-altar tal-kor tagħhom, eżattament faċċata ta' l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu. Fuq in-naħa tal-Franġiskani waqgħu xi kolonni li kienu jsostnu l-gallarija, u hekk niżlu għal isfel l-abitazzjonijiet tal-patrijiet fuq l-«Arki tal-Verġni».

Fin-nirien il-Franġiskani sofrew telfiet kbar. Inħarqu żewġ arazzi sbieħ tad-damask u tal-ħarir, li kienu twal 25 xiber. Inħarqu diversi kwadri, tliet lampieri kbar tal-kristall quddiem l-altar tal-Maddalena, u erba' oħrajn fuq il-Kalvarju. B'miraklu ġie salvat il-kwadru tar-Resurrezzjoni fuq id-daħla ta' l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu u ieħor li hemm ġewwa. In-nirien kienu wkoll qabdu mal-bieb tqil ta' l-injam li kien jifred il-kappellun tal-Maddalena mill-kappella tas-Sagrament (illum dan hu bieb tal-bronż). Imma l-fatt li l-bieb kien oħxon għen biex ma ħax in-nar għal kollox, u l-kappella tas-Sagrament ġiet salvata, u magħha l-kunvent ċkejken tal-Franġiskani fiż-żona tal-Patrijarkat Latin ta' żmien il-Kruċjati. Il-bieb tas-sagristija tal-Franġiskani wkoll ħa n-nar, imma mirakolożament in-nirien ma ppenetrawx fis-sagristija, fejn il-patrijiet kienu daħħlu u refgħu dak kollu li seta' kien ta' valur fil-Bażilika. L-akbar miraklu kien dak fl-Edikola tal-Qabar ta' Kristu. Għalkemm waqgħet fuqha l-koppla l-kbira li minnha nieżel infern ta' injam u ċomb jikwi, l-Edikola indifnet taħt it-terrapien jaqbad imma baqgħet

imħarsa min-nirien. Imma l-kappella tal-Kopti li hemm imqabbda ma' wara ta' l-Edikola ġiet maħruqa għal kollox.
Fuq il-Kalvarju, li wkoll inħakem min-nirien, li bdew qrib ħafna tiegħu, il-Franġiskani rnexxielhom isalvaw l-istatwa bust tal-Verġni Marija Addolorata, rigal tar-re tal-Portugal, li sallum għadha titgawda fuq l-altar ċkejken bejn l-altar tal-Kurċifissjoni u l-altar tal-Griegi Ortodossi fuq il-blata tal-Kalvarju. Il-kappella Latina ta' l-Addolorata, msejħa l-«kappella tal-Franki», fuq in-naħa ta' barra tal-Kalvarju, li tagħti għall-pjazza fejn hemm it-turġien li antikament kienu jitilgħu fil-Kalvarju, wkoll ġiet meħlusa min-nirien, għalkemm kien qed jonfoħ riħ mit-tramuntana li kien jimbotta l-fjammi lejn dik id-direzzjoni.
L-inċendju tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu beda jbatti lejn id-disgħa ta' filgħodu. Meta mbagħad il-patrijiet ippruvaw jidħlu fl-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, billi neħħew it-terrapien ta' injam u ċomb maħlul li waqa' mill-għoli, skoprew li mirakolożament kien hemm ftit ħsarat fuq ġewwa ta' l-Edikola, ħlief fil-kappella ta' l-anġlu, li tinsab fuq in-naħa ta' barra. L-istess skoprew fil-każ tal-Blata ta' l-Unzjoni, li kienet iġġib l-istemma Franġiskana. Din kienet intradmet taħt it-terrapien, imma fil-fatt ma ġralha xejn. Ħadd ma miet waqt in-nirien, ħlief ftit persuni li sofrew ġrieħi ħfief ta' ħruq meta daħlu fin-nirien biex isalvaw dak li setgħu.



## Il-ġrajjiet li seħħew wara l-inċendju (1809-1813)

Il-Franġiskani kienu jafu li kien perikolużli huma jabbandunaw il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu f'dak il-mument kritiku. Għaldaqstant, b'sagrifiċċji kbar, huma raw kif għamlu biex ikomplu jgħixu fil-Bażilika u jufficjawha. Fit-13 ta' Ottubru ċċelebraw il-Quddiesa fil-kappella tas-Sagrament, imma fl-14 ta' Ottubru warrbu t-terrapien li kien hemm madwar l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu biex komplew jiċċelebraw

il-Quddies ta' filgħodu kmieni u l-Quddiesa konventwali fl-Edikola fuq il-blata tal-Qabar tal-Mulej. L-istess komplew ikantaw il-Matutin ta' bil-lejl u l-Vespri fil-kor tagħhom fil-kappella tas-Sagrament, u komplew ukoll kif setgħu l-purċissjoni ta' kuljum fil-Bażilika. Bil-mod il-mod l-affarijiet reġgħu ġew għan-normal. Għalkemm il-Bażilika kienet għoddha mġarrfa, fl-1809 il-komunitajiet Insara naddfuha mill-fdalijiet kollha ta' l-inċendju, u dik is-sena l-Franġiskani setgħu jiċċelebraw il-funzjonijiet kollha tar-Randan u ta' l-Għid, kif ukoll il-festa ta' Corpus Domini, bis-solennità kollha possibbli. Dan kollu juri li ma kienx hemm urġenza li l-Bażilika jsirulha restawri mgħaġġlin, kif fil-fatt ġara wara li ndaħlu l-Griegi Ortodossi biex jitolbu mis-«Sublime Porta» ta' l-imperu Tork Ottoman f'Kostantinopli l-permess esklusiv biex ikunu huma li jirrestawraw il-binja kollha, bl-iskop li jeqirdu kull ħjiel ta' arti Kruċjata fil-Bażilika u finalment jakkwistaw il-Bażilika kollha tal-Qabar ta' Kristu f'idejhom, u jkeċċu barra minnha l-Franġiskani darba għal dejjem.

Biex nifhmu eżattament x'ġara u għaliex il-Griegi rnexxielhom jakkwistaw huma l-privileġġ li jirrestawraw il-Bażilika, rridu niftakru li fil-bidu tas-seklu 19 l-Ewropa kienet għaddejja mill-gwerer Napoljoniċi, u kienu diversi dawk l-istati li kienu saru sekularizzati, fosthom il-qawwiet li tradizzjonalment kienu Kattoliċi u difensuri tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, l-aktar Franza, Spanja, u r-Repubbliki Taljani ta' Genova u Venezia. Quddiem din it-traġedja kien għalxejn li l-Franġiskani jittallbu flejjes u offerti mill-prinċpijiet Ewropej, kif soltu kienu jagħmlu, biex hekk jakkwistaw huma l-privileġġi favur is-Santwarji mill-qawwiet Islamiċi ta' l-Imperu Ottoman. L-Ewropa kellha problemi oħrajn quddiemha, u ftit beda jimpurtaha mill-povri Franġiskani, li sabu ruħhom waħedhom biex jippruvaw isalvaw dak li setgħu mill-wirt Kattoliku Latin fl-Art Imqaddsa quddiem l-arroganza tal-Griegi Ortodossi, li kienu jakkwistaw kull ma jridu mill-Imperu Ottoman, li tiegħu kienu sudditi.

Hekk il-Franġiskani, li ftit kienu jafu b'dak li qed jiġri l-Ewropa, bħas-soltu bagħtu ittri ta' supplika lill-ambaxxaturi tan-nazzjonijiet Kattoliċi quddiem is-«Sublime Porta» f'Kostantinopli, biex dawn jipprovdu l-flus meħtieġa ħa jakkwistaw «firmani» favorevoli għall-Franġiskani. It-talbiet tal-patrijiet waqgħu fuq widnejn torox. Sadanittant il-Griegi Ortodossi kienu qed iwettqu l-pjan li kienu ħadmu minn żminijiet antiki. Minn diversi partijiet ta' l-imperu Ottoman irnexxielhom jiġbru kwantitajiet kbar ta' flus, u bihom ixaħħmu l-funzjonarji imperjali f'Kostantinopli biex is-Sultan jippubblika «firman» li bih jagħti lilhom il-privileġġ esklużiv li jirrestawraw il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu kif riedu huma, u jaħkmu f'idejhom l-ispazji u l-ħinijiet li riedu huma.

Fit-23 ta' April 1809 il-Griegi Ortodossi bdew idejqu lill-Kattoliċi Latini, u jakkużaw diversi minnhom quddiem l-awtoritajiet, biex dawn jitfgħuhom fil-ħabs u hekk il-Franġiskani jkollhom iħallsu riskatti għalihom, ħalli b'hekk jisolħu lill-Franġiskani mill-flus li kellhom, u li setgħu jużaw għar-restawr tal-Bażilika.

Fit-12 ta' Mejju 1809 wasal messaġġier imperjali minn Kostantinopli f'Ġerusalemm, iġorr miegħu l-«firman» mistenni mill-Griegi biex huma jirrestawraw il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Il-patrijiet Franġiskani, fil-25 ta' Lulju, bagħtu Kostantinopli lill-Viċi Prokuratur Patri Emmanuele Bajon, biex jiddefendi l-kawża tal-Franġiskani quddiem is-«Sublime Porta». Imma fis-27 ta' Lulju l-Qadì



*il-Blata ta' l-Unzjoni*

ta' Ġerusalemm sejjaħ lit-tliet Prokuraturi tat-tliet komunitajiet li juffiċjaw il-Bażilika (Griegi, Franġiskani, Armeni) u quddiem il-kapijiet ċivili qara uffiċjalment il-«firman» imperjali, li b'hekk akkwista valur ta' liġi. Il-Prokuratur Franġiskan ipprotesta, għax qal li fil-«firman» ma kinux jissemmew il-privileġġi mogħtijin lill-Franki bl-intervent ta' Franza quddiem is-«Sublime Porta», u li dan l-istess «firman» kien ġie magħmul mhux mis-Sultan, imma mill-Gran Visir, li kien diġà mejjet. B'hekk l-assemblea intemmet, imma l-Griegi reġgħu xaħħmu l-awtoritajiet, li sejħu seduta mill-ġdid fit-30 ta' Lulju, li fiha taw lill-Griegi permess uffiċjali biex jibnu mill-ġdid il-partijiet tal-Bażilika li kienu ġġarrfu.
Il-Griegi mill-ewwel bdew il-bini, mingħajr l-ebda pjan, bl-iskop biss li jkeċċu 'l barra mill-Bażilika lill-Franġiskani u lill-Armeni. Bdew iġorru ġebel fiż-żona ta' l-Armeni u daħħlu anke ġebel fl-Edikola tal-Qabar ta' Kristu biex hekk ifixklu lill-Franġiskani fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħhom.
Fid-19 ta' Ottubru 1809 wasal il-Baxà minn Damasku, u laqqa' flimkien lit-tliet komunitajiet. Talabhom 150 elf «pjastri» kull wieħed biex jakkwistaw id-dritt li jirrestawraw. L-Armeni u l-Franġiskani ma felħux iħallsuhom, u s-somma tniżżlet għal 110 elf, imma l-Griegi marru bis-somma sħiħa u komplew xaħħmu b'ħafna rigali lill-Baxà, u hekk ġew ippreferuti. Fit-28 ta' Ottubru l-Baxà tahom il-permess li jħottu l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, li kienet inbniet mill-Kustodju Patri Bonifacio da Ragusa fl-1555, u jibnuha mill-ġdid. Għalkemm sar «sopraluogo» fil-Bażilika mill-awtoritajiet Turki, u dawn iddeċidew li l-Edikola ma kellha l-ebda periklu li tiġġarraf u ma kinetx sofriet ħsarat min-nirien, fil-lejl tal-31 ta' Ottubru l-Griegi ħattew is-soqfa ta' l-Edikola u qerduha għal kollox.
L-awtoritajiet Torok fl-aħħar iddeċidew li jagħtu lill-Griegi l-permess li jibnu l-Edikola mill-ġdid, imma bil-patt li malli jlestuha jibqgħu intatti d-drittijiet tat-tliet komunitajiet biex juffiċjaw fl-Edikola bħal qabel. Imma l-Griegi ma ridux li dan iseħħ, u bdew jimlew l-Edikola b'ħafna materjal ta' bini biex hekk itawlu kemm jifilħu ż-żmien li jerġgħu jibnuha, u sadanittant il-Franġiskani ma setgħux jiċċelebraw l-ebda Quddiesa fiha, għax kull ma kien fadal kien biss il-bank ta' l-irħam

li jagħlaq il-Qabar ta' Kristu. Il-Griegi sejħu lill-arkitett Komninos di Mitilene, biex dan jieħu ħsieb ir-restawr tal-Bażilika, bl-iskop li jneħħi minnha kull ħjiel ta' arti Kruċjata u jdawwarha f'Bażilika bi stil Biżantin.
Ix-xogħol li għamel Komninos, li temmu fit-13 ta' Settembru 1810, kien jikkonsisti filli bena mill-ġdid l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu fi stil Russu-Muskovita, kif narawha sal-ġurnata tallum. Fid-19 ta' Novembru 1809 il-Griegi ikkonvinċewh biex jgħolli l-paviment ta' l-Edikola b'tali mod li l-bank tal-Qabar ta' Kristu sar hekk baxx li ma kienx iżjed possibbli għall-Franġiskani li jqaddsu fuqu. Sallum il-Quddies fuq il-Qabar isir billi s-sagristan Franġiskan iqiegħed tavla bit-trieħi fuqha mqabbda max-xifer ta' fuq il-bank tar-rħam, li fuqu jitqiegħdu l-gandlieri.
Fit-22 ta' Novembru 1809 il-Baxà reġa' lura lejn Damasku. Il-Franġiskani kienu ftaqru, għax kellhom iħallsuh 110 elf «pjastri» mislufin bl-imgħax talli wegħedhom li jerġgħu jiksbu d-drittijiet li kellhom qabel biex juffiċjaw fil-Bażilika, meta l-Griegi jtemmu r-restawr tagħha. Sadanittant in-nies ta' Ġerusalemm kienu irrabjati għall-Baxà għax ġab miegħu sebat elef suldat biex iżomm l-ordni u dan kien ifisser li jisloħ ħajjin lin-nies biex jipprovdu ikel għal riġment hekk numeruż. Wara li telaq il-Baxà, fid-29 ta' Diċembru, in-nies ta' Ġerusalemm qamu għas-suldati u għall-monaċi Griegi, għax kienu jafu li kien ħtija tagħhom li ġara dan kollu. L-inkwiet kompla fl-1 ta' Jannar 1810 f'Betleħem, fejn qamet gwerra ċivili bejn l-insara Griegi Ortodossi u l-bqija tal-popolazzjoni. L-inkwiet seħħ fil-qalba tal-festi tal-Milied, li għalihom kien hemm preżenti

*il-Blata ta' l-Unzjoni fid-daħla tal-Bażilika*





*Grieg Ortodoss*

l-Franġiskani, u ħalla warajh ħames feruti u mejjet. Ir-riżultat kien li s-suldati Torok irnexxielhom jarrestaw bosta nies, u sa bagħtu wħud għall-forka, ħafna minnhom Insara Latini, li kienu appoġġjaw lill-Franġiskani.

Fit-23 ta' Jannar 1810 il-Griegi reġgħu komplew il-binja tal-Bażilika b'tant suppervja li ħadd ma seta' jwaqqafhom fil-pjanijiet tagħhom. Huma ħakmu l-kor tal-Franġiskani quddiem l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu u mlew il-kappellun Franġiskan ta' Santa Marija Maddalena bil-ġebel tal-bini, fejn kienu jonġruh il-bennejja u jimlew kullimkien bit-terrapien u t-trabijiet, hekk li qerdu il-paviment li ma kien ġralu xejn fin-nirien. L-insulti komplew meta l-arkitett Komninos ordna li jiġu mneħħijin l-oqbra monumentali tar-rejiet Latini ta' Ġerusalemm Goffredu ta' Bouglion u Baldovino VI taħt il-Kalvarju, fejn kienu ilhom 700 sena midfunin mingħajr qatt ma ġew mimsusin mill-ebda ħakkiem ta' Ġerusalemm. Il-fdalijiet tar-rejiet tferrxu b'disprezz kbir. Biex ma tkomplix l-oppożizzjoni tal-Kattoliċi Latini l-Griegi Ortodossi qajmu persekuzzjoni sħiħa kontrihom. Ordnaw lill-insara tagħhom li ma jixtru u jbigħu xejn lill-Kattoliċi, li lanqas ma sabu għajnuna mill-Franġiskani li kienu issa mimlijin djun u bla ebda offerti ta' flus mill-Ewropa.

L-attenzjoni tal-Griegi daret ukoll fuq il-Blata ta' l-Unzjoni fid-daħla tal-Bażilika. Din kienet irħama li fuqha kellha l-istemma Franġiskana. Billi n-nirien ma kienu għamlulha l-ebda ħsara l-Griegi raw kif għamlu biex kissruha. Poġġew fuqha impalkatura tqila ta' l-injam bl-iskuża li jwieżnu l-arkata li hemm

fuqha fil-għoli. B'hekk irnexxielhom jaqsmuha, u b'din l-iskuża neħħewha u bidluha bil-Blata li naraw illum, ta' irħam kulur roża bla ebda sinjal ieħor fuqha. Sadanittant il-Griegi riedu jippruvaw ikeċċu barra mill-Bażilika lill-Franġiskani li kienu jgħixu fiha, u jobbligawhom imorru fil-kunvent ta' San Salvatur, attaparsi sakemm ilestu x-xogħol. Il-Franġiskani żammew iebes u b'ħafna tbatija u inkonvenjenti baqgħu ibsin fil-fehma li ħadd ma jċaqlaqhom milli jgħixu fil-kunventin tagħhom fil-Bażilika. Il-Griegi rnexxielhom jikkonvinċu lill-awtoritajiet ta' Ġerusalemm li l-Latini kienu qed iqajmu l-inkwiet. Ġew arrestati bosta Kattoliċi mill-parroċċi ta' Betleħem u ta' San Ġwann «in Montana» f'Għajn Karem. Il-Kustodju fit-22 ta' Jannar 1810 iddeċieda li jitlaq mill-Art Imqaddsa bl-iskuża li se jagħmel viżta kanonika lill-Kustodja, u jmur fl-Ewropa biex jipprova jittallab l-għajnuna mill-prinċpijiet Kattoliċi. Hu ħalla l-Kustodja f'idejn il-Prokuratur, li kellu jibqa' f'Ġerusalemm, Għajn Karem, jew Betleħem, imma li kellu jaħrab lejn Ramleh jew Ġaffa jekk l-inkwiet isir perikoluż. Il-Kustodju sadanittant mar Akri sa l-20 ta' Mejju, minn fejn bagħat ittri ta' supplika u relazzjonijiet ta' dak li ġara f'Pariġi, Kostantinopli u postijiet oħrajn fl-Ewropa. Biex jgħixu l-Franġiskani kellhom ibigħu xi fided li kellhom fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Fil-25 ta' Marzu waslet xi għajnuna mill-Portugal, u aktar tard drapp għat-tonok tal-patrijiet mit-Toscana, u għajnuniet oħrajn minn Sqallija u Malta.
Biex jagħmlu l-funzjonijiet ta' l-Għid f'Ġerusalemm fl-1810 il-Franġiskani kellhom jagħmlu rikors biex ikollhom numru ta' suldati doppju biex iħarsuhom, u naturalment dan kien ifisser ħlas dejjem aktar iebes lit-Torok. Saħansitra s-sagristan Franġiskan ġie msawwat mill-Griegi waqt dawn il-funzjonijiet. Il-Kustodju baqa' ma rċieva l-ebda tweġiba mill-Ewropa għas-suppliki tiegħu, u kellu jikkuntenta ruħu li jmur jiġbor ftit fondi fl-Eġittu, fejn ma tantx seta' jistenna għajnuniet sostanzjali. Meta għamel dan reġa' lura u qagħad Nazzaret.
Fit-13 ta' Settembru 1810 il-Griegi ikkonkludew il-binja tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu bit-tiswijiet li għamlu. Meta Kominos ta' Militene reġa' lura lejn il-Greċja fl-ewwel ġranet ta' Ottubru, ħa miegħu fuq il-bastiment bosta reperti ta' fdalijiet Kruċjati mill-Bażilika, li sparixxew darba għal dejjem.
Fil-bidu ta' Jannar 1811 wasal minn Kostantinopli Patri Emmanuele Bajon, li kien intbagħat fil-25 ta' Lulju 1809, u ġab miegħu «firman» mis-Sultan li kien jikkonferma l-privileġġi u d-drittijiet kollha li kellhom il-Franġiskani fil-pussess tas-Santwarji. Imma issa kien tard wisq u l-patrijiet ma kellhomx flus biex iħallsu lill-kapijiet Torok ta' Ġerusalemm ħalli dan il-«firman» jieħu valur ta' liġi. Il-providenza għenet lill-Franġiskani fl-ewwel xhur ta' l-1811, meta waslu diversi għajnuniet mill-Portugal, Spanja u Sqallija. Fl-1 ta' Ġunju 1811 il-Kustodju irritorna lejn Ġerusalemm, fejn ġie milqugħ b'entużjażmu kbir mill-Kattoliċi Latini. L-għada, 2 ta' Ġunju, li kien Pentekoste, il-Kustodju qaddes Pontifikal solenni bil-kant tat-«Te Deum» fil-knisja parrokkjali ta' San Salvatur.
Imma l-Griegi komplew jinsistu li jerġa' jiġi kkonfermat il-«firman» li huma kienu akkwistaw mill-Gran Visir. Fid-9 ta' Ġunju 1811, festa tat-Trinità, il-gvernatur żar il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, u beda jagħti att għall-«firman» akkwistat mill-Franġiskani, li bih ikkonsenjalhom l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu. Imma l-monaċi Griegi tant bdew jgħajtu u jagħmlu vjolenza u reżistenza, li kellu jibda sas-sitta ta' filgħaxija, u

lanqas irnexxielu jtemm il-konsenja tal-postijiet li kienu jappartjenu lill-Franġiskani.
Id-dikjarazzjoni ta' l-imħallef ta' Ġerusalemm Samir Ahmed kienet tgħid li l-Franġiskani kellhom id-dritt li jżejnu l-Qabar ta' Kristu, li jippossjedu ż-żewġ koppli tal-Bażilika, li jiċċelebraw il-Quddiesa u l-uffiċċji kemm fl-Edikola kif ukoll quddiemha, li jdendlu l-lampieri tagħhom fil-post tal-Kalvarju msejjaħ Kurċifissjoni, li jgħaddu minn taħt l-«Arki tal-Verġni», u jufficjaw fuq il-Blata ta' l-Unzjoni u fil-Grotta tas-sejba tas-Salib. Fuq il-koppletta forma ta' basla ta' l-Edikola l-Griegi kienu waħħlu salib Biżantin. Dan tneħħa u tqiegħed floku salib tal-fidda Latin, kif ukoll tqiegħed il-kwadru tar-Resurrezzjoni li ma nħaraqx fit-12 ta' Ottubru 1808. Nhar it-13 ta' Ġunju, solennità ta' Corpus Domini, l-Franġiskani ċċelebraw il-Vespri u l-Quddiesa pontifikali bil-purċissjoni ewkaristika madwar l-Edikola, mingħajr l-ebda indħil ta' ħadd.
Fit-22 ta' Marzu 1813 il-Griegi ipprotestaw li l-Franġiskani ma kellhomx id-dritt li jkollhom orgni fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, u aktar tard fl-1817 riedu jobbligaw lill-Franġiskani li jneħħu mill-kanen ta' l-orgni r-ripieni u t-trombi, għax dawn ifixkluhom fil-funzjonijiet tagħhom u huma hekk qawwija li setgħu jheżżu l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u saħansitra l-Moskea Al Aqsa li hi kilometru bogħod mill-Qabar ta' Kristu! Stejjer tad-daħq, wieħed jista' jgħid. Imma stejjer li bihom jidħaq min ma għandux għal qalbu s-sagrifiċċji kbar li sofrejna aħna l-Franġiskani biex sallum għadna nħarsu l-aktar Santwarju għażiż għall-Kristjanità. L-istorja ma tiqafx hawn. Fadlilna naraw kif il-Griegi komplew jisfruttaw is-sitwazzjoni li kienet kontra l-Franġiskani, hekk li waslu biex serqu l-istilla fil-Grotta tan-Natività u wasslu biex fl-1860 it-Turkija timponi definittivament li «Status Quo» kif ngħixuh illum, garanzija ta' konvivenza «paċifika» bejn Griegi, Latini (Franġiskani) u Armeni, imma wkoll frott ta' inġustizzji kbar lejn il-wirt Kattoliku fl-Art Imqaddsa.





# PAWLU TA' TARSU (6)

*Alfio M. Buscemi OFM*

## F'Ġerusalemm Pawlu jiltaqa' ma' Ġakbu u l-anzjani

"Meta wasalna Ġerusalemm, l-aħwa laqgħuna bil-ferħ. L-għada Pawlu mar magħna għand Ġakbu u kien hemm il-presbiteri kollha" (Atti 21,17-18). Il-laqgħa ta' Ġakbu kienet prudenti u diplomatika. Flimkien mal-presbiteri qagħad jisma' lil Pawlu jirrakkonta l-ġrajjiet tal-


*il-fortizza Antonja*

vjaġġi apostoliċi tiegħu. Imbagħad il-mexxejja tal-Knisja ta' Ġerusalemm qalulu li kienu preokkupati mill-fatt li tant Lhud kienu saru Kristjani, imma baqgħu josservaw il-Liġi ta' Mosè. Issa kien jingħad li Pawlu kien qed jippriedka li ma kienx hemm bżonn taċ-ċirkonċiżjoni. Għaldaqstant, biex hu jkun milqugħ mil-Lhud-Insara ta' Ġerusalemm, tawh il-parir biex imur fit-tempju biex iħallas wegħda ta' erbat irġiel nażrin, ħalli b'hekk jidher ċar li Pawlu kien ukoll josserva l-Liġi ta' Mosè (Atti 21,20-25). Dawn l-akkużi x'aktarx kienu inġusti, għax Pawlu nnifsu kien temm wegħda ta' nażri f'Kenkri (Atti 18,18), u kien ordna li d-dixxiplu Timotju jkun ċirkonċiż (Atti 16,3). Kien biss jinsisti li l-Liġi ta' Mosè u ċ-ċirkonċiżjoni ma kinux meħtieġa għas-salvazzjoni u li ma kellhomx jiġu imposti fuq il-pagani konvertiti. Forsi biex jiffavorixxi l-karità, Pawlu aċċetta li jagħmilha ta' parrinu ta' dawn l-erbat irġiel nażrin.

## Pawlu jmur fit-Tempju u jiġi arrestat

Il-wegħda tan- nażri kienet ibbażata fuq Num 6,1-21. Kienet iddum almenu 30 jum li fihom in- nażri ma kienx jixrob xorb li jsakkar, kien iħalli xagħru jikber u jevita kull kuntatt ma' oġġetti jew persuni ritwalment impuri. Wara dan iż-żmien in- nażri kien idum 7 ijiem fi stat ta' purifikazzjoni, u mbagħad kien imur fit-tempju, fejn kien joffri sagrifiċċju tal-ħruq lil Alla u jaqta' xagħru. Dan is-sagrifiċċju kien iqum ħafna flus, u mhux kulħadd kien jiflaħ iħallas għalih. Għalhekk kienu jitolbu lil min jiflaħ iħallas biex jagħmilha ta' parrinu għan- nażri. Dan hu li ġie mitlub jagħmel Pawlu. Kienu l-jiem tal-festa ta' Pentekoste tal-Lhud, u Ġerusalemm kienet mimlija pellegrini li telgħu għall-kult fit-tempju. Xi Lhud ġejjin mill-Asja prokonsolari, li kienu jafu lil Pawlu u Timotju f'Efesu, intebħu b'Pawlu fit-tempju, u qajmu irvell sħiħ. Fit-tmiem is-7 ijiem ta' purifikazzjoni tan-nażrin, dawn il-Lhud xlew lil Pawlu li kien qed jgħallem kontra l-Liġi ta' Mosè, u li saħansitra daħħal pagani fit-tempju, billi daħħal lill-Griegi fil-"bitħa ta' l-Israelin" (Atti 21,27-28). Huma kienu raw lil Trofimu ta' Efesu ma' Pawlu

f'Ġerusalemm, u ħasbu li kien daħħlu fit-tempju. "Mbagħad il-belt kollha tqanqlet u n-nies inġabret minn kullimkien; qabdu lil Pawlu, kaxkruh 'il barra mit-tempju u għalqu malajr il-bibien. Fittxew li joqtluh, imma l-aħbar waslet għand il-fizzjal kmandant, jew tribun, li Ġerusalemm kollha kienet rewwixta waħda" (Atti 21,30-31). Hekk dan mar fil-fortizza Antonja, li kienet tħares fuq it-tempju, ħa miegħu suldati u ċenturjun u niżel fost il-folla. Arresta lil Pawlu u ordna li jdaħħluh fil-fortizza. Imma l-vjolenza tal-folla kienet tant kbira, li s-suldati kellhom jerfgħu lil Pawlu fuq spallejhom biex iħarsuh mill-qilla tal-ġemgħa kbira ta' nies li kienet miexja warajh u tgħajjat: "Oqtluh!" Id-diskors ta' Pawlu quddiem il-Lhud ta' Ġerusalemm
"Huma u deħlin bih fil-fortizza, Pawlu qal lill-fizzjal: 'Nista' ngħidlek kelma?' Dan qallu: 'Mela int taf bil-Grieg?' Jaqaw int dak l-Eġizzjan li dan l-aħħar qajjem rewwixta u ħa miegħu fid-deżert erbat elef raġel sikaru?' Pawlu wieġeb: 'Jiena Lhudi, minn Tarsu taċ-Ċiliċja, ċittadin ta' belt magħrufa. Nitolbok tħallini nkellem lill-poplu'. Il-fizzjal ħallieh; u Pawlu wieqaf f'ras it-taraġ, għamel sinjal b'idu lill-poplu. Waqa' skiet kbir; u hu mbagħad beda jkellimhom bil-Lhudi ... Malli semgħuh ikellimhom bil-Lhudi (bl-Aramajk), aktar qagħdu bi kwiethom" (Atti 21,37-40; 22,2).Atti 22,1-21 jagħtuna l-ewwel diskors ta' difiża ta' Pawlu, quddiem il-Lhud, nies ta' ġensu. Pawlu jippreżenta ruħu: "Jiena Lhudi; twelidt f'Tarsu taċ-Ċiliċja, imma trabbejt f'din il-belt f'riġlejn Gamaljel u tħarriġt bir-reqqa fil-ħarsien tal-Liġi ta' missirjietna" (Atti 22,3). Imbagħad juri kif kien ippersegwita lill-insara ("kontra min qabad din it-triq tal-Mulej") u jagħti rakkont tal-konverżjoni tiegħu fit-triq ta' Damasku. Juri kif il-Mulej Ġesù kien sejjaħlu biex ixandar l-Evanġelju lil-Lhud, bil-kliem ta' Ananija, li hu jippreżentah sempliċement bħala Lhudi, "raġel sewwa skont il-Liġi": "Alla ta' missirijietna għażlek biex tagħraf ir-rieda tiegħu, tara lil dak li hu l-Ġust u tisimgħu jkellmek b'fommu stess" (Atti 22,12.14). Ikompli billi jsemmi viżjoni li kellu fit-tempju ta' Ġerusalemm, li fiha l-Mulej urih li fil-belt il-qaddisa ma kinux se jilqgħu x-xhieda tiegħu, u għalhekk jgħidlu: "Mur, għax jien se nibgħatlek 'il bogħod, fost il-pagani" (Atti 22,21).

## "Tistgħu ssawwtu ċittadin Ruman?"

Malli l-poplu sema' lil Pawlu jgħid dawn il-kelmiet, beda jgħajjat u jitlob b'insistenza li għandu jiġi maqtul. Għalhekk it-tribun ordna li jdaħħlu lil Pawlu fil-fortizza Antonja u jagħtuh is-swat taħt interrogatorju, ħalli jifhem eżattament x'akkużi kienu qegħin iġibu kontra tiegħu. Imma meta kienu qegħdin iddaħħluh għall-flaġellazzjoni, Pawlu kixef l-identità vera tiegħu u qal liċ-ċenturjun: "Tistgħu ssawtu ċittadin Ruman bla ma jsir ħaqq minnu?" (Atti 22,25). Iċ-ċenturjun mar mill-ewwel għand it-tribun, u qallu: "Hemm x'se tagħmel? Dan ir-raġel ċittadin Ruman!" (Atti 22,26). Għalhekk it-tribun mar jivverifika l-każ, u staqsa lil Pawlu: "'Għidli: int ċittadin Ruman?' Wieġbu: 'Iva'. Il-fizzjal qallu: 'Biex jien ksibt din iċ-ċittadinanza kelli nħallas somma kbira.' U Pawlu qallu: 'U jien twelidt hekk'. Għalhekk dawk li kienu se jistħarrġuh bis-swat warrbu malajr minn ħdejh; u l-fizzjal stess beża' meta sar jaf li kien ċittadin Ruman u li kien rabtu bil-ktajjen" (Atti 22,27-29).

## Pawlu quddiem is-Sinedriju

L-għada filgħodu, t-tribun iddeċieda li jieħu lil Pawlu quddiem is-Sinedriju, biex jipprova jifhem x'kienet l-akkuża li l-Lhud kienu qed iġibu kontrih. Mhux biss, imma ippermetta li

Pawlu jitkellem u jiddefendi ruħu quddiem il-qassisin il-kbar u l-membri tas-Sinedriju. Malli Pawlu ddikjara l-innoċenza tiegħu, il-qassis il-kbir Ananija, iben Nebedew, elett fis-sena 46 u maqtul mis-Sikari fis-sena 60, ordna li jsawtu lil Pawlu fuq ħalqu. "Mbagħad Pawlu qallu: 'Din id-daqqa Alla għad jagħtiha lilek, ja ħajt imbajjad! Int, li qiegħed hemm biex tagħmel ħaqq minni skont il-Liġi, tordna li niġi msawwat kontra l-Liġi?'" (Atti 23,3). Meta dawk preżenti qalulu li dak kien il-qassis il-kbir, Pawlu wieġeb b'mod sarkastiku li ma kienx intebaħ li kien qassis il-kbir, jiġifieri li ma kienx jimmaġina li l-kap spiritwali tal-poplu seta' jkun daqshekk vjolenti. Pawlu ntebaħ li kien għalxejn li jipprova jiddefendi ruħu, u għalhekk għamel użu minn tattika brillanti. Inħallu lil Luqa jirrakkonta l-ġest intelliġenti ta' Pawlu. "Issa Pawlu kien jaf li xi wħud kienu min-naħa tas-Sadduċej u oħrajn min-naħa tal-Fariżej. Għalhekk għajjat fis-Sinedriju: 'Ħuti, jiena Fariżew u bin il-Fariżej; hu għalhekk li qiegħed isir ħaqq minni, minħabba t-tama fil-qawmien minn bejn l-imwiet'. Kif qal hekk, qamet tilwima bejn il-Fariżej u s-Sadduċej, u l-ġemgħa nqasmet. Għax is-Sadduċej jgħidu li la hemm qawmien minn bejn l-imwiet, la anġli u lanqas spirti; waqt li l-Fariżej jistqarru dan kollu. Mbagħad qam storbju kbir; xi kittieba tan-naħa tal-Fariżej qamu u bdew jeħduha bil-qawwa kollha ma' l-oħrajn u jgħidu: 'Aħna ma nsibu xejn ħażin f'dan il-bniedem. Min jaf kellmux xi spirtu jew xi anġlu?' It-tilwim aktar kiber, u għalhekk il-fizzjal, billi beża' li se jtertqu lil Pawlu, ordna lis-suldati jinżlu jaħtfuh minn nofshom u jeħduh il-fortizza" (Atti 23,6-10). Kien f'dak il-lejl li Pawlu kellu viżjoni mill-Mulej, li qallu: "Agħmel il-qalb! Kif tajt xhieda għalija f'Ġerusalemm, hekk ukoll jeħtieġ li tagħti xhieda f'Ruma" (Atti 23,11).

## Konġura tal-Lhud u trasferiment ta' Pawlu f'Ċesarija Marittima

Il-Lhud xorta ma qagħdux bi kwiethom. Xi wħud minnhom iltaqgħu u ħalfu li la jieklu u lanqas



jixorbu sa ma joqtlu lil Pawlu. Għaldaqstant talbu lill-qassisin tat-tempju biex jikkonvinċu lit-tribun ħalli jerġa' jġib lil Pawlu quddiemhom, bl-iskuża li jistħarrġuh aktar, u hekk ikunu jistgħu jagħmlu nasba u joqtluh. Imma sar jaf bil-konġura n-neputi ta' Pawlu, li mar jiġri jagħti l-aħbar lil Pawlu. Dan bagħtu għand it-tribun, u dan sema' minn fomm it-tfajjel dwar il-komplott kontra Pawlu. Għaldaqstant bagħat lit-tfajjel bl-ordni li ħadd ma jkun jaf bil-laqgħa tagħhom (Atti 23,12-22).
It-tribun imbagħad kiteb l-elogium, jew litterae dimissoriae, lill-gvernatur Feliċ, u ordna lil żewġ ċenturjuni biex jieħdu s-suldati u bil-lejl jeskortaw lil Pawlu minn Ġerusalemm lejn Ċesarija Marittima, ir-residenza tal-gvernatur Ruman. Fl-ittra li kiteb lil Feliċ it-tribun ma semmiex li kien rabat bil-ktajjen lil Pawlu, li kien ċittadin Ruman, anzi jgħid li kien hu li ħelsu mill-qilla tal-Lhud li riedu joqtluh. Billi sar jaf li kien hemm komplott kontra tiegħu, iddeċieda li jibgħat lil Pawlu Ċesarija, u mbagħad jekk il-Lhud riedu jkomplu jinsistu li jixluh kellhom jirrikorru għand il-gvernatur innifsu (Atti 23,23-30).
Il-vjaġġ sar bil-lejl. Is-suldati waslu Antipatris, il-belt antika ta' Afek (1Sam 4,1), li kien kabbarha Erodi l-Kbir u ta l-isem Antipatride. Minn hemm reġgħu lura, u ħallew lil Pawlu jiġi eskortat biss mill-kavallieri. Dawn waslu Ċesarija Marittima u taw l-ittra lill-gvernatur Feliċ u ippreżentawlu lil Pawlu.
Il-belt ta' Ċesarija Marittima kienet inbniet fis-seklu 4 q.K. minn Strato, li kien jew ġeneral ta' Tolomeo Filadelfo jew inkella 'Abd-Ashtrat, re ta' Sidon. Kienet magħrufa bħala Torri ta' Strato. Fis-sena 103 q.K. waqgħet f'idejn Alessandru Jannew, u taħt il-ħakma ta' l-Asmonej. Kien Erodi l-Kbir li reġa' bnieha lejn tmiem l-1 seklu q.K. u għamilha port internazzjonali fuq il-kosta tal-Palestina, u ta l-isem ta' Ċesarija, ad unur ta' l-imperatur Awgustu. Fi żmien Pawlu Ċesarija kienet is-sede tal-prokuratur Ruman. Fil-fatt, kien fl-anfiteatru ta' Ċesarija li nstabet l-iskrizzjoni li ssemmi lill-prokuratur Ruman Ponzju Pilatu, u li hi l-akbar xhieda ta' l-eżistenza storika tiegħu. Skont l-istoriku Lhudi


*Ċesarija Marittima*



Josephus Flavius, Feliċ kien prokuratur Ruman tal-Lhudija mis-sena 52 sas-sena 59-60. Kien funzjonarju fi żmien Neruni u Klawdju, u kien aħrax u krudil kontra s-sikari u ż-żeloti, u qatel ukoll lill-qassis il-kbir Ġonata. Kien bniedem superstizzjuż u kien jgħix ma' Drusilla, mart Azisus, re ta' Emesa fis-Sirja.
Malli Feliċ qara l-elogium tat-tribun, u sar jaf li Pawlu kien ġej miċ-Ċiliċja, hu ordna li jinżamm taħt kustodja fil-"pretorju ta' Erodi", sa ma jaslu l-Lhud minn Ġerusalemm biex jidher quddiemhom u jiddefendi ruħu. Il-prokuratur Ruman kien igawdi minn poter politiku u ġudizjarju.

## Id-diskors ta' Pawlu quddiem il-gvernatur Feliċ

Ħamest ijiem wara li Pawlu wasal Ċesarija, waslu l-qassis il-kbir Ananija, xi anzjani tas-Sinedriju u avukat jismu Tertullu. Huma kellhom jikkostitwixxu ruħhom bħala akkużaturi ta' Pawlu. Feliċ laqagħhom u ordna li jinġieb Pawlu. Tertullu beda l-akkuża kontra l-Appostlu b'eloġju lil Feliċ, taħt forma ta' captatio benevolentiae (Atti 24,2-4). Imbagħad beda jixli lil Pawlu li kien "bniedem mill-agħar, u li qiegħed iqajjem it-tixwix fost il-Lhud kollha mxerrda mad-dinja u wieħed mill-mexxejja tas-setta ta' Nażrin" (Atti 24,5). Akkuża lil Pawlu li ried jipprofana t-tempju, u qal li l-Lhud qabduh u ħaduh quddiem l-awtoritajiet kompetenti, ħaġa li ċertament ma kinitx tikkorrispondi għall-verità tal-fatti.
Il-Lhud preżenti mbagħad ikkonfermaw dak li qal Tertullu.
Wara li qagħad jismagħhom, Feliċ ta l-permess lil Pawlu biex jitkellem. Atti 24,10-21 jikkostitwixxi d-difiża tiegħu quddiem il-gvernatur Ruman mill-akkużi li ġabu kontrih il-kapijiet Lhud. Pawlu wkoll beda l-apologia tiegħu b'captatio benevolentiae qasira u prudenti (Atti 24,10). Imbagħad mill-ewwel ċaħad l-akkuża li hu

kien xewwiex tal-poplu. Qal li kien ilu Ġerusalemm biss tnax-il ġurnata, u li hemm ma qala' inkwiet imkien, la fit-tempju, la fis-sinagogi u lanqas fil-belt. Imbagħad jiddefendi ruħu mill-akkuża li kien parti mis-setta tan-Nażrin, u jgħid: "Jien dan nistqarrlek; skont it-Triq tal-Mulej, li huma jgħidulha setta, jiena naqdi lil Alla ta' missirijietna u nemmen dak kollu li hemm fil-Liġi u l-Profeti" (Atti 24,14) u jerġa' jinsisti li jemmen fil-qawmien mill-imwiet. B'hekk Pawlu juri li l-akkużi kontrih ma kinux ta' natura soċjo-politika, imma biss reliġjuża. Juri wkoll li l-Kristjaneżimu ma kienx reliġjon kontrarja għal dik Lhudija, għax flimkien mal-partit tal-Fariżej l-Insara kienu jittamaw fil-qawmien mill-imwiet. Pawlu mbagħad jispjega l-motiv għaliex kien mar Ġerusalemm, jiġifieri biex iġib offerti ta' karità lill-foqra Lhud, u offerti għas-sagrifiċċji fit-tempju. Kien għalhekk li sabuh fit-tempju waqt ir-rit tal-purifikazzjoni. Fuq kollox kienu Lhud mill-Asja li kienu qabduh, u dawn kellhom jiġu jakkużawh jekk tassew hu kien għamel xi ħaġa ħażina fit-tempju. Mill-ġdid Pawlu jtemm id-diskors bl-affermazzjoni ta' Fariżew konvint: "Ħaġa waħda jistgħu jgħidu fija: li jien, meta dhert quddiemhom, għajjatt, 'Minħabba l-qawmien mill-imwiet qegħdin tagħmlu ħaqq minni llum'" (Atti 24,21).

Feliċ intebaħ li din kienet ġlieda bejn żewġ partiti reliġjużi Lhud, u ma riedx jieħu deċiżjoni qabel ma jikkonsulta personalment lill-fizzjal Lisja. Bagħat lura Ġerusalemm lill-akkużaturi, u lil Pawlu qiegħdu taħt custodia militaris, jiġifieri li kien jista' jmur mill-fortizza li fiha jkun magħluq lejn id-dar tiegħu privata, imma dejjem marbut b'katina waħda ma' id suldat li kien jakkumpanjah dejjem. Feliċ ma tax il-ħelsien lil Pawlu, sempliċement għax ma riedx jurta lill-mexxejja Lhud. Mhux biss, imma skont l-Atti, "ftit jiem wara ġie Feliċ ma' martu Drusilla, li kienet Lhudija. Bagħat għal Pawlu u qagħad jisimgħu jitkellem fuq il-fidi f'Ġesù Kristu. Pawlu beda jiddiskuti miegħu fuq il-ġustizzja, fuq it-trażżin tal-passjonijiet u fuq il-ġudizzju li għad irid jiġi" (Atti 24,24-25). Feliċ, li kien superstizzjuż, ħabat jibża', u reġa' bagħat lura lil Pawlu. Ta' raġel rgħib li kien, ta' spiss kien joqgħod jibgħat għal Pawlu, għax ħaseb li dan kien se joffrilu xi flus. Sadanittant għaddew sentejn, li warajhom, skond il-liġi Rumana, l-akkużat kellu jitħalla ħieles jekk ma jsirx ħaqq minnu. Imma Feliċ għamel inġustizzja ma' Pawlu. "Għaddew sentejn, u Porċjus Festus laħaq flok Feliċ. Imma biex jogħġob lil-Lhud, Feliċ ħalla lil Pawlu fil-ħabs" (Atti 24,27).

## Pawlu jidher quddiem Porċjus Festus u jappella għal quddiem Ċesari

Porċjus Festus kien prokuratur tal-Lhudija fis-snin 59-62 w.K. B'differenza minn Feliċ kien raġel rett u kuxjenzjuż. Miet fis-sena 62 meta kien għadu prokuratur. "Tlitt ijiem wara li wasal fil-provinċja tiegħu, Festu tela' Ġerusalemm minn Ċesarija. Il-qassisin il-kbar u l-kbarat tal-Lhud resqu quddiemu biex jakkużaw lil Pawlu u bdew jitolbuh ħafna biex jagħmlilhom pjaċir u jibgħatuhulhom Ġerusalemm, għax kienu għamlu komplott li joqtluh fit-triq. Imma Festu weġibhom li Pawlu kellu jibqa' fil-ħabs f'Ċesarija għax hu stess kellu jmur hemm malajr. U żied jgħidilhom: 'Dawk fostkom li għandhom xi awtorità jinżlu miegħi, u jekk dan ir-raġel għandu xi ħtija jakkużawh'" (Atti 25,1-5). Mill-ġdid il-kapijiet Lhud marru Ċesarija għand il-prokuratur, li ħa postu fit-tribunal u ġab lil Pawlu. Il-Lhud reġgħu akkużawh bħad-darba ta' qabel. Pawlu reġa' ddefenda ruħu b'dinjità u deċiżjoni: "Jien ma nqast xejn, la kontra l-liġi tal-Lhud, la kontra


*ir-re Agrippa*

t-tempju u lanqas kontra Ċesari" (Atti 25,8). Forsi l-Lhud kienu akkużaw lil Pawlu saħansitra bil-crimen lesae maiestatis, għax kien ippriedka li Ġesù hu re. Imma l-prokuratur intebaħ li din kienet kwestjoni reliġjuża, u offra lil Pawlu l-possibilità li, jekk irid, imur Ġerusalemm u hemmhekk, quddiem Porċjus innifsu, jsir ħaqq minnu. Imma Pawlu kien jaf li, jekk jitla' Ġerusalemm, il-Lhud kienu qed jonsbuh biex jeqirduh, u b'ġest ta' diplomazija u kuraġġ appella għaċ-ċittadinanza Rumana tiegħu. "Jien ninsab quddiem il-qorti ta' Ċesari; hawn għandu jsir ħaqq minni. Jien lil-Lhud ma għamiltilhom xejn ħażin, kif inti stess taf sewwa. Jekk imbagħad jiena ħati, jekk għamilt xi ħaġa li għaliha tistħoqqli l-mewt, ma nfittixx li naħrab mill-mewt. Imma jekk ma hemm xejn minn dak li fuqu qegħdin jixluni, ħadd ma jista' jerħini f'idejhom. Nappella għal quddiem Ċesari!" (Atti 24,10-11). Festu tkellem mal-kunsill tiegħu, u aċċetta t-talba ta' Pawlu: "Int appellajt għal quddiem Ċesari, u quddiem Ċesari tmur" (Atti 24,12). Minn dak il-ħin it-tribunal tal-prokuratur sar inkompetenti li jipproċessa lil Pawlu. L-Appostlu beda jistenna ż-żmien li fih ikun jista' jintbagħat Ruma.

## Id-diskors ta' Pawlu quddiem ir-re Agrippa

F'dawk il-ġranet ġew iżuru lil Porċjus ir-re Agrippa II u Bereniċi. Marco Giulio Agrippa kien iben Agrippa I. Twieled Ruma. Fis-sena 50 w.K. l-imperatur Klawdju ħatru re ta' Kalċide, u mbagħad sar "kustodju" tat-tempju u t-teżori tiegħu, u kien jaħtar hu l-qassisin il-kbar. Fis-sena 53 sar re tat-tetrarkija ta' Filippu, Batanea u Abilene. Fis-sena 54 l-imperatur Neruni tah il-Galilija u l-Perea. Miet qrib is-sena 100 u kien jgħix ma' oħtu Bereniċi, li magħha jidher li kellu relazzjoni ta' inċest. Giulia Bereniċi kienet bint Erodi Agrippa I u oħt Drusilla, mart Feliċ. Wara li żżewġet darbtejn, lil Lisimaku, u lil Erodi ta' Kalċide, zijuha, wara li dan miet marret tgħix ma' ħuha Agrippa II.

Porċjus Festus tkellem ma' Agrippa dwar Pawlu, bit-tama li jiġi mdawwal minnu dwar il-kustjonijiet reliġjużi Lhud li għalihom Pawlu kien akkużat. Lil Agrippa jgħidlu li l-akkużi kontra Pawlu ma kinux ta' tip kriminali. "Kellhom biss xi kustjonijiet miegħu dwar ir-reliġjon tagħhom u dwar ċertu Ġesù, li hu mejjet, imma Pawlu jgħid li hu ħaj" (Atti 25,19). U stieden lil Agrippa jisma' lil Pawlu. Biex juri l-evidenza ta' l-innoċenza ta' l-Appostlu Luqa jintroduċi r-rakkont tal-laqgħa ta' Pawlu ma' Agrippa u Bereniċi, li tiġbor fiha l-aħħar diskors ta' difiża personali ta' l-Appostlu, din id-darba quddiem is-slaten.

Wara s-soltu captatio benevolentiae (Atti 26,2-3) Pawlu beda jiddiskrivi l-ħajja tiegħu ta' Lhudi mħeġġeġ għal-Liġi u għat-tradizzjonijiet tal-Fariżej. Jiddiskrivi, għat-tieni darba, l-ġrajja tal-konverżjoni tiegħu fit-triq ta' Damasku (Atti 26,9-18), u jgħid li Ġesù nnifsu kellmu u qallu: "Għalhekk dhertlek, biex nagħmlek ministru u xhud tad-dehra li fiha rajtni u ta' dawk li fihom għad nidhirlek. Neħilsek mill-poplu u mill-ġnus pagani li għandhom qiegħed nibgħatek, biex tifthilhom għajnejhom ħalli jerġgħu lura mid-dlam għad-dawl u mis-setgħa tax-xitan u jduru lejn Alla" (Atti 26,16-18). Kien minħabba din il-ħidma missjunarja li l-Lhud qabduh fit-tempju u riedu joqtluh. Imma Pawlu jgħid li ma kienx jgħallem ħlief dak li kienu għallmu Mosè u l-Profeti dwar li l-Messija kellu jqum mill-imwiet u jkun dawl kemm għall-poplu ta' Israel kif ukoll għall-pagani.

Festus ammira l-għerf ta' Pawlu fir-reliġjon Lhudija u qallu: "Int miġnun, Pawlu! L-għerf kbir tiegħek qiegħed iġennek!" (Atti 26,24). Pawlu wieġbu b'diplomazija li hu ma kienx miġnun, imma li Agrippa ċertament kellu kompetenza biex jifhem aħjar fuq xiex kien qed jitkellem, għax hu kien Lhudi li kien jemmen fil-Profeti. Mhux biss, imma jdur fuq Agrippa u jistaqsih jekk kienx veru dan kollu. Agrippa intebaħ li, kieku jwieġbu iva, kien ifisser li l-Iskrittura kienet tabilħaqq tikkonferma l-messaġġ Kristjan li kien qed ixandar Pawlu, u ipprefera jwieġeb b'mod ironiku: "Ftit jonqsok biex tipperswadini u tagħmilni nisrani!" (Atti 26,28). U Pawlu mill-ġdid, b'ħafna diplomazija, wieġbu: "Nitlob 'l Alla li, bil-ftit jew bil-wisq, mhux inti biss, imma dawk kollha li llum qegħdin jisimgħuni jkunu bħali, barra mill-irbit ta' dawn il-ktajjen" (Atti 26,29).

Kien hawnhekk li l-udjenza waslet fit-tmiem. Porċjus u Agrippa qablu bejniethom li Pawlu ma kien ħati la ta' mewt u lanqas tal-ktajjen. Mhux biss, imma Agrippa qal lil Festu: "Li ma appellax għal quddiem Ċesari lil dan ir-raġel kont tista' titilqu" (Atti 26,31).

Ma kien fadal xejn iżjed issa ħlief li Pawlu jistenna f'Ċesarija Marittima. Fuq ix-xefaq tal-punent kienet tinfetaħ it-triq bil-baħar lejn Ruma. Imma sa ma wasal hemm, Pawlu kellu missjoni oħra providenzjali x'jaqdi.

# PELLEGRINAĠĠ



Mill-5 sat-12 ta’ Lulju l-Arcisqof Pawlu Cremona OP mexxa pellegrinaġġ djocesan li fih ħadu sehem 168 persuna, fosthom mal-120 żgħażagħ ta’ bejn il-15 u l-30 sena. Din kienet l-ewwel darba li saret inizjattiva simili fuq skala djocesana biex jinġiebu żgħażagħ fl-Art Imqaddsa. Il-Kummissarjat diġà organizza xi pellegrinaġġi għal gruppi ta’ żgħażagħ fil-passat, fuq skala parrokkjali u lokali. Kienet xewqa personali ta’ Monsinjur Arcisqof li norganizzaw dan il-pellegrinaġġ. L-iskop pastorali hu biex iż-żgħażagħ jidħlu f’kuntatt ħaj ma’ l-Art Imqaddsa u mal-kelma ta’ Alla. Kien għalhekk li l-aktar mumenti importanti fil-pellegrinaġġ kienu l-Omeliji ta’ l-Arcisqof, li kienu katekeżi dwar l-Evanġelju li f’din l-Art isir tassew ħaj u attwali għal kull min jisimgħu.

# Taż-Żgħażagħ



Il-preżenza ta' tant żgħażagħ mimlijin entużjażmu hi ta' importanza kbira fl-Art Imqaddsa, fejn bosta żgħażagħ insara jkollkom jemigraw biex isibu futur aħjar għalihom. L-inizjattiva li l-Kummissarjat ħa wara s-suġġeriment ta' l-Arcisqof tidħol f'sintonija ma' l-istess xewqa tal-Papa Benedittu XVI li, meta ġie l-Art Imqaddsa, tkellem favur l-appoġġ li l-insara jistgħu jagħtu lill-Knisja lokali billi jiġu bħala pellegrini ta' paci fl-Art Imqaddsa.

Il-mumenti ewlenin tal-pellegrinaġġ kienu dawk tal-Quddies li sar fis-santwarji, l-aktar f'Nazaret, Betleħem u fil-Qabar ta' Kristu. Id-diversi gruppi ta' pellegrini, 4 b'kollox, kienu akkumpanjati minn diversi patrijiet Franġiskani esperti fl-Art Imqaddsa, kif ukoll minn sacerdoti oħrajn li jaħdmu fil-qasam tal-pastorali taż-żgħażagħ. L-animaturi

ufficjali tal-pellegrinaġġ kienu P. Twanny Chircop, Kummissarju għall-Art Imqaddsa, flimkien ma' P. Raymond Camilleri, P. Marcello Ghirlando, P. Joseph Magro, u P. Noel Muscat.
Il-preżenza ta' dawn l-animaturi ufficjali hi importanti fl-Art Imqaddsa, fejn is-servizz ta' gwida turistika, anke fil-każi ta' pellegrinaġġi insara, għandu bżonn ta' rikonoxximent ufficjali mill-Istat ta' Israel. Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa tabilita patrijiet Franġiskani li jkunu studjaw fl-Art Imqaddsa biex imexxu pellegrinaġġi f'isimha, permezz tal-Kummissarjati mxerrdin f'diversi pajjiżi.
Ta' min iżid li l-pellegringaġġ fl-Art Imqaddsa hu issa garantit minn għajuna wkoll ta' natura diplomatika. Nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju, Malta fetħet ambaxxata f'Israel, f'Tel Aviv, u sede diplomatika oħra fil-Palestina, f'Ramallah. Għall-ftuħ kien hemm preżenti l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr. Tonio Borg, l-ambaxxatur ta' Malta għal Israel is-Sur Abraham Borg, u r-rappreżentant ta' Malta quddiem l-Awtorità Palestinjana s-Sur Alan Bugeja. Bl-għajnuna ta' dawn is-sedi diplomatici issa hu ħafna aktar facli li l-Maltin li jiġu f'Israel jew il-Palestina jsibu













appoġġ jekk tinqala' xi ħtieġa partikulari. Sa issa dan is-servizz prezzjuż kien qed jiġi offrut mill-Konslu Onorarju is-Sur Julio Blankleder, residenti f'Tel Aviv. Fl-Art Imqaddsa hemm residenti mat-30 persuna ta' nazzjonalità Maltija, li l-maġġoranza tagħhom huma reliġjużi, fosthom bosta sorijiet minn diversi kongregazzjonijiet.
Għalkemm il-kriżi ekonomika mondjali naqqset xi ftit in-numru ta' pellegrini li qed jiġu fl-Art Imqaddsa, minn Malta jidher li n-numru ta' pellegrini għadu tajjeb. Il-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa qiegħed iġib medja ta' 8 pellegrinaġġi fis-sena, li għal pajjiż żgħir huma numru inkoraġġanti.
Dan fi żmien ta' diffikultà u kompetizzjoni minn aġenziji ta' l-ivvjaġġar li jaħdmu bi kriterji ta' professjonalità kummercjali. Aħna l-Franġiskani nibqgħu noffru l-uniku prodott li hu tagħna, b'karatteristika tipika ta' evanġelizzazzjoni u promozzjoni tal-missjoni Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa. Min ġie magħna u ra kif naħdmu apprezza li l-Art Imqaddsa mhijiex semplicement post ieħor biex wieħed iżuru, imma li hu post ta' esperjenza spiritwali intensa li biex toffriha trid tkun tafha għax għext fiha.













*ritratti Johann Galea*



# L-AĦĦAR IKLA TA’ ĠESÙ MAL-APPOSTLI TIEGĦU

*Fr Charles Buttiġieġ*

## Il-Ġrajja tal-Eżodu

L-ikla tal-Għid tal-Lhud (kif naraw fil-ktieb tal-Eżodu kapitlu 12) kienet tfakkarhom fil-ġrajja memorabbli tal-imħabba infinita ta’ Alla li għaddihom mill-mogħdija tal-mewt għall-ħajja (bil-lhudi l-kelma ‘għid’ hija ‘pesaħ’ li tfisser ‘passaġġ’; għalhekk il-kliem: ‘paskwali’,

'passover'). Ilkoll nafu kemm l-poplu ta' Alla kien qed ibati ġewwa l-Eġittu u għalhekk Alla kien sejjaħ proprju lil Mose` biex joħroġ dan il-poplu minn dan il-jasar. Naraw però ir-resistenza tal-Fargħun tal-Eġittu. Alla għalhekk jibgħat l-għaxar kastigi fuq l-Eġittu: l-ilma jsir demm, iż-żrinġijiet; in-nemus; id-dubbien; il-pesta; l-infafet; is-silġ; il-ġradijiet; id-dlam u l-aħħar wieħed il-kbir, il-mewt tal-iben il-kbir fid-djar tal-Eġizzjani. Huwa f'dan il-kuntest ta' din il-ġrajja li l-anġlu tal-mewt 'jaqbeż' (pass-over) id-djar fejn kien hemm il-Lhud u jsalva lit-tfal tagħhom u joqtol it-tfal tal-Eġizzjani fosthom it-tifel il-kbir tal-fargħun, u b'hekk wassal lil dan ta' l-aħħar sabiex iħalli lil-Lhud jitilqu minn pajjiżu.
Però f'dik il-lejla qabel ma kien se jiġi l-anġlu tal-mewt, il-Lhud fuq ordni ta' Alla, riedu jagħmlu ikla u riedhom jagħmluha u jfakkruha bħala l-ġrajja ta' ħelsien tagħhom, kull sena matul il-lejl ta' bejn l-14 u l-15 tax-xahar ta' Abib, li hu Marzu u April tagħna (beda mbagħad jissejjaħ bl-isem Babilonjiż ta' Nisan). Kull familja kellha tipprepara għall-ħaruf sa minn ħamest ijiem qabel. Fejn kien hemm familji żgħar setgħu jingħaqdu ma' xulxin għal din l-ikla tal-ħaruf; bejn wieħed u ieħor, ħaruf wieħed kien iservi għal għaxar persuni.
Il-ħaruf kien ikun bla difett, u ta' madwar sena. Imbagħad kien jinqatel fl-erbatax tax-xahar bejn wara nofsinnhar u filgħaxija, fejn ma tinkisirlu



ebda għadma u kienu jiskarnawh u ma jħallulux demm ġo fih għax huma ma setgħux jieklu laħam bid-demm. Id-demm kien xi ħaġa sagra ta' Alla, kien fih il-ħajja u jagħti l-ħajja lill-ġisem. Naturalment assolutament ma setgħux jixorbu d-demm (ara Ġenesi 9:4).
Dak in-nhar tal-Eżodu, mid-demm tal-ħaruf, il-Lhud lesti biex jitilqu mill-Eġittu, ċappsu bis-suf jew bil-pjanta tal-issopu l-ġnub u l-blata tal-bibien tad-djar tagħhom ħalli x'ħin jgħaddi l-anġlu tal-mewt u jara l-blajjet imċappsin bid-demm ma jidħolx fid-dar biex jagħmel ħerba. Il-laħam tal-ħaruf kienu kiluh mixwi, kielu l-ħobż bla ħmira għax ma kellhomx ċans joqogħdu jistennew l-għaġna tikber kieku kellha l-ħmira; mela kielu ħobż ażżmu (għalhekk biex nifthiemu kielu ħobż ċatt, ħobż forma ta' ftajjar; l-ostja tagħna, bil-forma tagħha ċatta trid turi din il-forma) u



ħaxix morr biex ifakkarhom fit-tbatijiet li għaddew minnhom.

## Ġesù iħejji 'Ikla' mal-Appostli

F'Lq 22:7-14, naraw lil Ġesu` jordna lil Pietru u Ġwanni sabiex jippreparaw għall-ikla tal-Għid. Kellhom għalhekk isibu post ġewwa Ġerusalemm biex jagħmlu din l-ikla, u din kienet biċċa xogħol iebsa meta nimmaġinaw li f'Ġerusalemm fl-Għid fi żmien Ġesù, kien ikun hemm madwar 200,000 elf persuna b'kalkolu li kien jinqatel mal-20,000 elf ħaruf, li jfisser li kienet issir 20,000 elf ikla ġewwa Ġerusalem. Huma għalhekk sabu kif naraw f'Lq 22:12-13, kamra kbira (u mhux dar) mgħammra b'kollox. Mill-kliem ta' Ġesù li jgħid lil Pietru u lil Ġwanni: "Morru ħejjulna l-ikla tal-Għid ħalli nieklu l-ħaruf", juri li bħal donnu Ġesù kien diġa` qed jindika lilu nnifsu bħall-ħaruf, hu nnifsu bħala l-ħaruf il-ġdid u mhux id-daqsxejn ta' ħaruf żgħir. Importanti ta' min isemmi hawnhekk li l-post tal-ikla, kien jkun nadif, mingħajr ħmieġ, il-post isir qisu d-dar ta' Alla u dawk kollha li jipparteċipaw kienu jilbsu d-dinijità ta' saċerdoti. (Għalhekk wieħed jista' jifhem l-indafa u l-ħasil fid-djar tagħna li jsir qabel it-tberik tal-Għid meta jiġi l-Arċipriet jew il-kappillan ibierek id-djar).

## L-Aħħar Ċena tal-Mulej

L-aħħar cena kien il-mument fejn Ġesù waqqaf żewġ sagramenti importanti: l-Ewkaristija u s-Sacerdozju. Ġesù infatti wera xewqa kbira li jagħmel din l-ikla mal-appostli kif naraw f'Lq 22:15: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati!". Kienet mela l-ikla tal-Għid tal-Lhud kif juruna San Mattew, San Mark u San Luqa, fejn Ġesù huwa l-ħaruf il-ġdid. Ġesù issa jieħu post tal-ħaruf kif jurina biċ-ċar iktar San Ġwann fil-vanġelu tiegħu, fejn Ġesù jinqatel fuq is-salib x'ħin kienu qegħdin jinqatlu l-ħrief għall-ikla tal-Għid tal-Lhud.
L-ikla kienet tibda b'talba u jixorbu l-ewwel tazza tal-inbid bħala bidu. Interessanti kienu jixorbu erba' tazzi inbid waqt l-ikla u jieklu tliet darbiet mill-ħobż ażżmu. Dan il-Lhud jagħmluh għaliex fl-Eżodu 6:7 insibu erba' azzonijiet li għamel Alla biex ħeles lill-poplu: "Jiena noħroġkom, jien neħliskom, jiena nifdikom, jiena niġbidkom lejja biex tkunu tiegħi". Kien isir

imbagħad il-ħasil tal-idejn, li Ġesù bħala l-kap tal-mejda kif naraw f'Ġw 13, għamel il-ħasil tar-riġlejn. Ġesù qal il-kliem tal-konsagrazzjoni fuq it-tielet ħobż ażżmu: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom" u fuq t-tielet tazza inbid (il-kalċi ta' radd il-ħajr, fejn seta` wieħed iżid xi ftit ilma): "dan il-kalci huwa l-Patt ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom". Ġuda kien diġa` telaq hawnhekk u għalhekk ma kienx preżenti għat-twaqqif tal-ewkaristija. Ir-raba' kalci jidher li ma nxtorobx fl-aħħar ikla ta' Ġesù u dan jagħmel sens għaliex issa l-kalċi bid-demm ta' Kristu kellu jinxtorob u jixxerred fil-Ġetsemani, fil-Passjoni u fuq is-Salib.

## Konklużjoni

L-aħħar ċena turi wkoll l-ewkaristija bħala servizz, li ssejħilna sabiex naqdu lil xulxin, bħala komunità li lesta taqdi lill-proxxmu. San Ġwann, isemmi fid-dettal il-mument sabiħ ta' Ġesù li jaħsel saqajn l-appostli qabel l-ikla (ara Ġw 13:4-5). Infatti l-Ewkaristija trid twassalna għad-djakonija u għall-karità biex tagħmel tassew sens fil-ħajja tagħna. Dan mela hu l-kobor tal-Ewkaristija, li Alla li ħalaq kollox jinżel fil-qalb tagħna u jsir parti minna u jnaddafna mid-dnub u mill-miżerja tagħna: "Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġw 1:29). Henjin aħna tassew li dejjem inkunu mistiedna għal din il-Mejda tal-Ħaruf.



## Biblijografija


Brown, R.E., The Gospel according to John, I, II, AB 29 – 29a, New York 1966.

Fausti, S., Una Comunita` legge il Vangelo di Luca, Bologna 2001.

Mc.BRIEN R.P., Catholicism, New York 1994.

Meynet, R., Jésus Passe. Testament, Jugement, Exécution et Résurrection du Seigneur Jésus dans les évangiles synoptiques, Rhétorique Biblique 3, Roma – Paris 1999.

TILLARD J.-M., Church of Churches. The Ecclesiology of Communion, Minnessota 1992.



# IL-PERSUNA TA' ĠESÙ SKONT SAN LUQA

*Mons Lawrenz Sciberras*

Nibda dan it-tagħrif billi nqiegħed għal konsiderazzjoni dak li qal it-teologu J. Fitrzmer dwar Kristu fl-Evanġelju ta' Luqa: "Ir-ritratt ta' Luqa ma fihx biss fundament sod ta' duttrina kristoloġika, imma hemm dwalijiet u dellijiet ta' persuna li kultant tidher umana ħafna, drammatika, jekk mhux ukoll romantika". Ħalli naraw kemm toħroġ għad-dawl din il-verità.

## Il-Bniedem Ġesù

L-evanġelista Luqa fir-rakkont tal-infanzja, jagħmel xi osservazzjonijiet li dawn mhux biss jippreżentaw 'il Ġesù bħala iben Alla ġġenerat b'opra tal-Ispirtu s-Santu u mwieled minn Marija Verġni (Lq 1,35), imma jippreżentah ukoll bħala tarbija li għad jikber. Wara li l-ġenituri ħadu 'l Ġesù fit-tempju fejn kien hemm ix-xwejjaħ Xmuni jfaħħar 'l Alla, u miegħu ngħaqdet il-profetissa Anna fejn tkellmet dwar it-tarbija, Luqa jkompli: "Meta temmew kull ma kellhom jagħmlu skont il-Liġi tal-Mulej reġgħu lura lejn il-Galilija fil-belt tagħhom ta' Nażaret. U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bil-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu" (Lq 2,39).
Iċ-ċkejken bambin għadu tal-maxtura beda jikber, bħalma jikber kull tifel ieħor. Luqa jkompli jisħaq dwar il-grazzja u l-għerf li ġew mogħtija lit-tfajjel. Wara l-ġrajja tat-tempju, meta hawn issa Ġesù kellu tnax-il sena, Luqa jerġa' jikteb: "Mbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nażaret U hekk Ġesù baqa' jikber fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin" (Lq 2,52).

## Qrib il-poplu

Luqa jqiegħed lil Ġesù ħafna qrib tal-poplu, u dan l-aktar fejn ikun hemm xi miraklu ta' fejqan. Fost dawn ta' min isemmi l-fejqan tal-mara milwija (Lq 13,10-17) u dik bit-tnixxija tad-demm. Imma dak li jaħsadna huwa l-fatt li



*ix-xwejjaħ Xmuni*

Luqa ma jikteb ebda sentiment ta' ħniena u kompassjoni. Luqa jħalli barra l-mogħdrija lejn l-imġiddem, l-istedina għall-ħniena ta' dak il-missier li kellu ibnu maħkum mix-xitan (Mk 9,22), kif ukoll il-ħniena lejn il-folla (Mk 6,34).
Fir-raħal ta' Najm imbagħad Ġesù għamel eċċezzjoni; dan għaliex hekk kif ra lil dik l-armla tibki huwa "tħassarha" (Lq 7,13). Din l-attitudni ta' Ġesu lejn l-armla tkompli turi aspett ieħor ta' Ġesu lejn in-nisa. U ma dan hemm diversi oħra.
Fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb (lq 10,33) u tal-Iben prodigu (Lq 15,20) joħroġ fil-beraħ il-għan tal-ħniena ta' Ġesù. Fiż-żewġ każijiet huwa Ġesù nnifsu li jġarrab il-ħniena. F'din il-parabbola joħroġ fid-dieher l-attenzjoni sħiħa ta' Ġesu lejn min hu milqut mill-mard, uġigħ eċċ (Lq 4,18).
Fil-parabbola tal-iben prodigu

huwa Alla stess li juri ħniena ma' dak l-iben li rritorna d-dar. Hawn toħroġ beraħ l-imħabba ta' Ġesù lejn il-midinbin. L-umanità ta' Ġesù mhix dipendenti minn xi sentiment tal-bniedem, imma hija taħt il-qawwa ta' Alla l-Missier. Fl-Atti hemm riferenza ċara għal dak li għamel Ġesu hawn fuq l-art. "Ġesu għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan, għax Alla kien miegħu" (Atti 10,38).
Sa minn dak il-waqt tal-magħmudija tiegħu, Ġesù ġie midluk mill-Ispirtu s-Santu bil-qawwa u li kien ifisser li huwa qiegħed 'il fuq mill-bnedmin kollha. Hekk tidher aktar f'Ġesù s-seta' divina tiegħu. Ġesù wera interess qawwi lejn u mal-bnedmin u dan kien jifforma parti mill-vokazzjoni divina tiegħu.

## L-umanità ta' Ġesù

Hemm riferenza qawwija lejn l-umanità ta' Ġesù diġà fil-lista tal-ġeneoloġija tiegħu (Lq 3,23-38). Luqa jagħmel riferenza għal-kwadru tal-antenati ta' Ġesù diġà sa mill-mument dritt wara l-magħmudija u l-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu. Ġesù kellu madwar tletin sena (3,23) u n-nies kienu jaħsbuh iben Ġużeppi. B'dan il-mod Ġesù daħal fil-lista tal-ġenerazzjoni Ġudajka u li din dejjem skont Luqa tibda minn Adam biex tkompli sa Alla. Mela dak li ġie milqugħ fi ħdan il-familja tal-umanità għandu l-oriġini tiegħu f'Alla. Hekk l-umanità ta' Ġesù ġiet mgħollija 'l fuq minn kull miżura u qies ieħor għaliex hija oġġett ta'

*Is-Samaritan it-Tajjeb*



dixxendenza divina.
In-natura tiegħu ta' bniedem toħroġ fil-beraħ l-umanità sħiħa tiegħu, bil karattru ta' ħabib sinċier mal-bnedmin. Dan wieħed jista' josservah mill-istejjer tal-fejqan kif ukoll mir-rapporti li Ġesù kellu mal-bnedmin. Ġesù xejn ma beża' imiss l-imxajtna (5,13), jew li ħalla lil dik il-mara bit-tnixxija tad-demm tmissu (8,44-48). Issa din kienet meqjusa mniġġsa. Ġesu jiddefendi b'qawwa kbira d-dixxipli tiegħu, li għax kienu bil-ġuħ kielu ż-żbul nhar ta' Sibt (6,1-5), ħaġa li l-qassisin biss setgħu jagħmluha.
F'jum is-Sibt ukoll Ġesu ifejjaq lir-raġel b'idu niexfa (6,6-11), u f'isem Alla jagħmilha ta' difensur qalbieni tad-drittijiet tal-bnedmin. Il-kap tas-sinagoga stagħġeb mhux ftit meta f'jum is-Sibt Ġesu fejjaq mara maħkuma mix-xitan għal tmintax-il sena sħaħ (13,10-17).
Ukoll Ġesu xejn ma ħabbel rasu mid-diffikultajiet li għamlulu l-għorrief tal-liġi flimkien mal-Fariżej. Għaliex ma riduhx ifejjaq raġel marid bl-ilma f'jum is-Sibt (14,6). Dawn il-fejqan ta' Ġesù f'jum is-Sibt, huma mera sħiħa tal-imġiba ta' Ġesù quddiem id-diffikultajiet li għamlulu; imma hu aktar ħassu obbligat lejn Alla missieru. Ġesù ħalla lil dik il-mara prostituta taħsillu riġlejh minkejja kif osserva Xmun il-Fariżew din kienet ta' kondotta ħażina (7,44-46).

## Indipendenti mill-ġudizzju tal-bnedmin

Wieħed Fariżew stieden lil Ġesù għandu u dan aċċetta (7,36; 14,1). Lill-kap tas-sinagoga Ġajru, li kien għadu kemm mititlu t-tifla, Ġesù qallu biex isaħħaħ il-fiduċja u l-kuraġġ (8,50-52). L-istess ħaġa għamel Ġesu ma' dak it-tifel li jbati b'tal-qamar fejqu għal kollox (9,42). Fuq in-naħa l-oħra, Ġesù ċanfar id-dixxipli għaliex dawn riedu li jinżel nar mis-sema fuq ir-raħal tas-Samaritani għaliex ma aċċettawhomx (9,52-56). Ġesù ried ukoll li huma jħallu wieħed eżorċist ikeċċi xitan dejjem imma f'isem Ġesu; għaliex qalilhom: "La żżommuhomx għax min m'huwiex kontra tagħkom, huwa magħkom" (9,49). Dawn huma kollha eżempji ta' tolleranza, ġenerosità u attenzjoni li jispikkaw fil-ħajja ta' Ġesu.
Dawn ir-rakkonti u mirakli kollha qegħdin fil-kwadru ta' kif ġab ruħu Ġesu fejn ħabbar dejjem il-għana u s-sinjorija ta' Alla. Kullimkien jidher sew l-ambjent uman ta' Ġesù li b'qawwa kbira ħareġ għad-dawl Luqa. Sabiex iwassal il-messaġġ tiegħu, Luqa jinqeda b'dik il-ġibda qawwija favur il-foqra, l-batuti, l-imġiddmin, u dan mingħajr ma joħloq ebda kompromessi mas-sinjuri. L-affermazzjonijiet kollha ta' Luqa għandhom għan speċifiku li jxandru l-kobor tas-saltna t'Alla sa minn din id-dinja stess.

## Ġibda ta' ħniena

Eżempju qawwi ieħor ta' kemm Ġesu kien iħoss tassew mal-bnedmin jidher fil-ġrajja ta' Żakkew kap tal-pubblikani (19,1-10). Billi kien qasir, Żakkew ixxabbat u tela' ma' siġra tal-ġummajs biex jara 'il Ġesu. Dan ħares lejh u qallu: "Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek". Il-ħarsa li tah Ġesù kienet grazzja għal-Żakkew tant li laqagħha: l-oħrajn li kienu ma' Ġesu ikkonkludew mod ieħor. "U jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ". Minħabba dan Żakkew iddeċieda li jagħti parti ġmielha minn ġidu lill-foqra. Dak il-ġest uman ta' Ġesu, wassal biex biddel ħajjet Żakkew u aċċettah, għaliex huwa "wkoll bin Abraham". Waqt li kien għall-ikla fid-dar tal-pubblikan (5,27-30), din ukoll hija xhieda oħra ta' mħabbet Ġesù lejn il-midinbin, anzi kompla jissiġilla li huwa "ħabib tal-pubblikani u l-midinbin" (7,34).
Ġesù wera ġibda u attenzjoni speċjali lejn in-nies sempliċi, umli, u foqra ukoll meta dawn għal imħabbet Alla jagħmlu ċ-ċaħdiet tagħhom bl-ikbar

intenzjoni tajba. Fil-ġrajja tal-offerta tal-armla (21,1-4), Ġesù aċċetta dak kollu li xeħtet l-armla – anke jekk l-għotja kienet tassew waħda żgħira. Din ix-xena saret fil-kuntest ta' kliem Ġesu lejn dawn il-għonja, u madankollu huma jkomplu dejjem irekknu u jżidu l-ġid materjali. U dan jagħmluh ukoll b'detriment għall-istess romol
L-umanità ta' Ġesu issa tidher ukoll fil-passjoni tiegħu. It-talb li għamel Ġesù matul dak il-lejl tqil u penuż hemm f'riġlejn il-muntanja taż-żebbuġ, fil-vanġelu ta' Luqa għandha dehra kollha partikolari u unika. Permezz ta' din it-talba, Luqa jrid jeżorta u jħeġġeġ il-komunità lejn ir-rieda sħiħa t'Alla, biex hija tilqa' u taċċetta l-passjoni kif għamel Ġesù. Huwa x-xempju l-kbir ta' dik ix-xorti tqila ta' tbatija, u dan għaliex "jeħtiġilna nbatu ħafna biex nidħlu fis-saltna ta' Alla" (Atti 14,22). Iżda wara t-talba ħerqana li għamel lill-Missier, Ġesù ġie kkonfortat minn anġlu mis-sema (22,43). Ħin bla waqt "l-għaraq sarlu bħal qtar tad-demm iċarċar sa l-art".
Ġesù huwa bniedem li niżel sal-qiegħ tat-tbatija u tal-mewt. Dak li hemm fl-ittra lil-Lhud li Ġesù meta kien jgħix fuq din l-art offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ, dan juri kemm jaqbel ma' dak li jiddeskrivi dwaru Luqa. Ix-xena tal-Getsemani kif jagħtiha Luqa tħabbar it-taqbida ta' Ġesu mal-mewt, li mbagħad rebaħha bil-mewt tiegħu stess. Ġesu iben Alla (22,67-70) huwa l-Messija li ma jaqax, għaliex iben Alla (22,67-70). Imma dan il-Messija huwa l-bniedem tas-sofferenzi, u li bihom huwa jibqa' dejjem qrib il-bniedem. Kienu dawn it-tbatijiet tal-bniedem Alla, li feda il-bnedmin tad-dinja.

## L-esperjenza tal-Għid

Fid-djalogu li kellu Ġesù ma' dawk iż-żewġ dixxipli sejrin lejn Emmaws il-Ħadd filgħodu (24,13-27), Ġesù wera kemm kellu komprensjoni lejn id-dixxipli kollha tiegħu. Il-kittieb ifakkar fid-"dwejjaq" ta' dawk iż-żewġ dixxipli, li però minn dak li qalulhom in-nisa donnu deher xaqq ta' dawl f'ħajjithom. Waqt dik il-konversazzjoni mal-barrani li kien miexi magħhom ħallielhom ħafna dubji, u fl-istess waqt urihom li dak kollu li ġara kien diġà mħabbar. "U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu? (24,260) Din hija deskrizzjoni tal-ħajja ta' Ġesu kif ġiet imħabbra mil-Liġi, mill-Profeti u mis-Salmi. Anke Ġesu mqajjem mill-mewt għandu fih sinjali ta' umanità sħiħa. It-tieni taqsima ta' din il-laqgħa ma' Ġesu titkompla fid-dar tad-dixxipli ta' Emmaws. Hawn tidħol issa x-xena tal-ikla u li tiftaħ orizzonti ġodda. Din l-ikla li bdiet tissejjaħ "fil-qsim tal-ħobż" hija aktar minn sempliċi kontinwazzjoni tal-ikliet ta' Ġesu hawn fuq l-art; eżempju mal-pubblikani (5,29-32), mal-fariżej (7,36-47), mal-ġemgħa (9,12-17), imma fuq kollox hemm dik tal-aħħar ikla li Ġesu għamel mad-dixxipli (22,14-20). F'din l-aħħar ikla ta' Ġesu fejn huwa qiegħed il-ħobż u l-inbid bħala l-ġisem u d-demm imxerred għalikom, Ġesù ordna lil dawk ta' madwaru biex jagħmlu dak il-ġest b'tifkira tiegħu (22,19). Hekk Ġesu bena il-pont biex issa f'kull ċelebrazzjoni ewkaristika jkun hemm dak li jsejħulu "l-qsim tal-ħobż" (Atti 2,42.46; 20,7-11), frażi teknika li tfisser u torbot magħha ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.
Din iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika li saret fid-dar tad-dixxipli ta' Emmaws hija mqiegħda fil-kwadru ta' wara l-ġrajja tal-Għid-Mogħdija: Mela ħadet tifsira kollha kemm hi partikolari. Dik il-komunità li taqra dak ir-rakkont issa kellha tagħraf li l-Mulej – Kyrios – se jibda jingħata f'kull ikla li tiġi mfakkru f'ismu. Din il-ġrajja flimkien mar-rakkont ġie mqiegħed f'teoloġija kristoloġika.



# In-Nawfraġju ta' San Pawl

## Knisja Arċipretali San Pawl Rabat

*Dun Pawl Sciberras*

"Sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta" (Atti 28,1)

Il-kwadru titulari ta' San Pawl tar-Rabat huwa l-akbar tila li għandu l-pittur Stefano Erardi, u li pitter fl-1678. Il-kwadru jinqasam f'żewġ xeni, kuntrastanti ħafna bejniethom f'dawk li huma kuluri, moviment u spazju: ix-xena quddimija turi lil Pawlu jfarfar il-lifgħa fin-nar, fost l-istagħġib imbellah ta' dawk ta' madwaru. Ix-xena ta' wara hija pjuttost għerja, bis-sħab



1.

*Il-kwadru jinqasam f'żewġ xeni:*

*dik ta' quddiem (1) - turi lil Pawlu jfarfar il-lifgħa fin-nar, fost l-istagħġib imbellah ta' dawk ta' madwaru.*

*ix-xena ta' wara (2) - hija pjuttost għerja, bis-sħab iswed tal-maltempata, ix-xini tal-qamħ li kien fi triqtu lejn Ruma*

2.



iswed tal-maltempata, ix-xini tal-qamħ li kien fi triqtu lejn Ruma, b'mitejn u sitta u sebgħin priġunier fuqu, jitħabat waħdu f'nofs il-bajja.

## Ix-xena ta' Quddiem

Ix-xena ta' quddiem tal-kwadru għandha l-figura ta' San Pawl fiċ-ċentru tagħha (3), u li fl-istess ħin isservi ta' ċentru għall-kwadru sħiħ. Il-kulur aħmar tal-mantar jaqta' sewwa fil-bqija tat-titular. L-id il-leminija ta' l-Appostlu tal-Ġnus tagħmel żewġ movimenti: tfarfar il-lifgħa fin-nar imma wkoll tiġbed l-attenzjoni tal-miġemgħa għal dak li għandu xi jgħid (4). L-Imgħallem Kristu Ġesù kien ikkmanda lil dawk li jemmnu: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat." Fost is-sinjali li jseħbuhom, jagħtihom li jistgħu "jaqbdu s-sriep b'idejhom, u li jqiegħdu idejhom fuq il-morda u dawn ifiqu" (Mk 16,15-18). Saħansitra l-lifgħa ma waqqfitx lil Pawlu milli jwassal l-Aħbar it-Tajba lil min irid jilqagħha. Mill-ktieb ta' l-Evanġelju li qiegħed iżomm f'idu x-xellugija, dak li Pawlu jrid ilissen lil ta' madwaru huwa t-tħabbira ta' l-Evanġelju Mqaddes, li tiegħu hu "priġunier ta' Kristu Ġesù" (Filemon 1,1) (5). Lil Timotju, Pawlu jiktiblu: "Mela tistħi xejn minħabba fix-xhieda għal Sidna, anqas minħabba fija, priġunier tiegħu, imma aqsam miegħi t-tbatija għall-Evanġelju, u afda fil-qawwa ta' Alla" (2Tim 1,8). Xejn u ħadd ma kien iwaqqaf lil Pawlu milli kulfejn ikun ixandar lil Kristu Ġesù. Lanqas għarqa bħal dik 'il barra minn xtutna ma żammitu milli jwassal lil missirijietna l-Aħbar it-Tajba ta' l-Evanġelju.
Għalkemm Pawlu wasal Malta bħala priġunier, il-figura tiegħu fil-kwadru ta' Erardi turih wieqaf, ħieles u imponenti, b'awtorità sħiħa li jagħtih Kristu Ġesù, li għalih kien qiegħed isofri l-priġunerija. Fi Kristu kiseb ħelsien sħiħ u dan il-ħelsien ħaddmu u għexu kulfejn kien u taħt kull ċirkustanza. Lill-Korintin seta' jgħidilhom: "Għax għad li ma jiena marbut ma' ħadd, jien għamilt lili nnifsi

lsir ta' kulħadd biex nirbaħ lil ħafna" (1Kor 9,19); u lill-insara ta' Filippi: "Ħaġa sewwa li jiena naħseb hekk fikom ilkoll, għaliex jiena nġibkom f'qalbi, lilkom ilkoll, li qsamtu miegħi l-grazzja li għandi, kemm issa li jien marbut bil-ktajjen, u kemm meta kont niddefendi u nwettaq l-Evanġelju" (Fil 1,7). Fl-ittra lill-Kolossin, jitlob li jkun jista' jsib dejjem aktar nies li lilhom jista' jwassal l-Evanġelju: il-Maltin kienu minn dawk li għalihom dik it-talba nstemgħet: "Itolbu wkoll għalina, biex Alla jiftħilna l-bieb għall-kelma u nxandru l-misteru ta' Kristu, li minħabba fih jien marbut bil-ktajjen" (Kol 4,3); u lil Timotju jgħidlu: "Għalih jien qiegħed inbati sa l-irbit tal-ktajjen bħallikieku għamilt xi delitt. Imma l-kelma ta' Alla m'hijiex marbuta" (2Tim 2,9).
Il-figuri mbellhin iħarsu lejn Pawlu, (6) u fiċ-ċirkustanzi għandhom mistoqsija fuq fommhom: "Dan min hu? Ħelisha mill-għarqa u issa l-ġustizzja ma ħallitux jgħix? Dan min hu?" Pawlu jdawwar il-mistoqsija magħmula fuqu għal fuq l-"Alla mhux magħruf" (ara Atti 17,23), u bħal fl-Arjopagu ta' Ateni, jsib ix-xoqqa f'moxtha biex iwassal l-Evanġelju kulfejn ikun.
Luqa, awtur tat-Tielet Evanġelju u ta' l-Atti ta' l-Appostli, jidher iwieżen lil Pawlu bl-attenzjoni u bl-appoġġ tiegħu. Donnu l-artist ried li kif fl-Iskrittura l-Kanoni tat-Testment il-Ġdid iwieżen u jissanzjona l-Ittri ta' San Pawl billi jqiegħed l-Atti qabilhom, hekk Luqa jxierek lil Pawlu f'dan il-vjaġġ.

Ix-xena fuq l-art tagħti prominenza wkoll lil Ġulju (Atti 27,1), iċ-Ċenturjun tar-riġment imperjali ta' Awgustu. (7) Kien hu li ġab ruħu tajjeb ħafna ma' Pawlu u ħarġu mill-għelt li riedu jġibu fuqu s-suldati tal-ġifen, meta riedu joqtlu l-priġunieri biex ħadd ma jaħrab bl-għawm (Atti 27,42). Id-dawl fil-kantuniera t'isfel tax-xellug tal-kwadru jaqla' lil Ġulju 'l barra bi prominenza. F'Ġulju, ċenturjun ta' Ruma Imperjali u pagana, l-awtur tal-kwadru jara lil dawk li Pawlu ntagħżel biex iwasslilhom l-Evanġelju. Pawlu ġie maħtur minn Alla u mill-Appostli ta' Ġerusalemm bħala l-Appostlu tal-Ġnus, u minn dan kien tant konvint li seta' jgħid lill-komunità ta' Efesu: "jiena, Pawlu, jien, il-priġunier ta' Kristu Ġesù minħabba fikom il-pagani..." (Efes 3,1). Iċ-ċenturjun pagan jidher iqarreb idu l-leminija b'kawtela u stagħġib lejn l-id ix-xellugija ta' Pawlu, iżżomm "il-ktieb il-kbir" ta' l-Evanġelju Mqaddes. F'idu x-xellugija, Ġulju jżomm il-lanza, li tgħaqqad ix-xena quddimija ma' dik għerja ta' fuq.
Taħtu jidhru l-Maltin, abitanti tal-gżira. Forsi mhux għalxejn li l-pittur iġibhom bit-trabi magħhom, mistagħġba daqs ommhom u missierhom!
L-istagħġib, fl-Iskrittura kollha, imma l-iktar f'Luqa, huwa għelm ċar ta' min jilqa' l-misteri ta' Alla b'fidi u umiltà.
Fuq ix-xaqliba l-oħra tal-



3.



4.

5





6.

kwadru, maqlugħ 'l barra wkoll bil-logħob tad-dawl tal-chiaroscuro, Erardi pinġa lilu nnifsu fil-figura maskili għerja, biċ-ċinetta ħamra f'rasu u bix-xugaman f'idu. (8)



7.

## Ix-Xena fuq Wara

Fl-ispazju oskur u għeri tax-xena ta' wara jidher il-ġifen jitħabat waħdu. Ix-xini, simbolu ta' l-ivjaġġar tal-bniedem, li mhux kuntent li jterraq fuq l-art, irid jimraħ saħansitra fuq l-ibħra biex jasal f'artijiet imbiegħda. (2) Ktieb il-Għerf jagħtina silta li tinqara fil-Liturġija tas-Solennità tan-Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, nhar l-10 ta' Frar: "Imma l-providenza tiegħek, Missier, tmexxih (lill-bniedem); għax int ftaħt għalih triq fil-baħar ukoll, u mogħdija bla periklu qalb l-imwieġ. Hekk turi li int tista' teħles minn kull tiġrif, biex ukoll min ma jifhimx jista' jbaħħar" (14,3-4). Erardi, f'dan is-simbolu ried iġib kuntrast, waqfa, anzi! Il-vjaġġ tal-bniedem kellu jieqaf biex tidħol l-inizjattiva tal-Providenza Divina, fil-persuna ta' Pawlu, l-Appostlu ta' Kristu Ġesù, "il-priġunier tal-Mulej" (Efes 4,1). Dak li hu uman jisfaxxa u jintemm. Dak li kien sejjer lejn Ruma pagana, jieqaf biex jiftaħ it-triq għal xi ħaġa ġdida li hi l-Evanġelju lill-Barbaroi, lill-barbari. Luqa, hekk isejħilhom lill-abitanti tal-gżira li laqgħet lil Pawlu u 'l sħabu: "In-nies tagħha (barbaroi) ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa li ma bħalha." (Atti 28,2.4) Ilsien in-nies tal-Gżira ta' Malta la kien il-Latin u lanqas il-Grieg. Għal dawk li kienu jitkellmu b'dawn iż-żewġ ilsna, ilsien il-Maltin kien idoqqilhom donnu tgedwid: bar-bar-bar, appuntu, dawk Barbari! Imma l-ħlewwa li wrew ma' dawk li raw l-għarqa, Luqa lanqas iħalliha għaddejja bla msemmija!
In-naħa ta' fuq tal-kwadru jidher is-sħab jaqta' fid-dlam tal-maltemp: figura tad-dawl ta' l-Evanġelju li ġej mis-sema, imma wkoll li jrid jitlaq mil-Lhudija, sas-Samarija biex jasal 'il bogħod 'il bogħod, "sa truf l-art kollha" (Atti 1,8) permezz ta' nies qalbiena bħalma kien Pawlu ta' Tarsu, Pawlu ta' Malta.

8





# IL-MISTERJU TAT-TRINITA' QADDISA (4)

*P. Gwido Schembri ofm*

## B. It-tliet Persuni kull waħda meħuda għaliha

### Il-Persuna tal-Missier fit-Testment il-Qadim

Fit-Testment il-Qadim m'għandniex infittxu rivelazzjoni diretta dwar it-tieni u t-tielet Persuna tat-Trinità, iżda testi oskuri li jħejju biss ir-rivelazzjoni ċara li nsibu fit-Testment




*Is-Sinottiċi (Mattew, Marku u Luqa)*

il-Ġdid. It-Testment il-Qadim jitkellem direttament fuq id-divinità, jew fuq Alla b’mod ġenerali li fil-Patt il-Qadim kien jitqies bħala l-Missier ta’ Iżrael b’relazzjoni għas-salvazzjoni tal-bniedem. Din ir-relazzjoni tiġi ċċarata fil-wegħdiet li hu għamel lill-istess poplu u mill-obbedjenza li talab minnu.
Dan il-Missier ta’ Iżrael juri lilu nnifsu b’mod imdallam f’natura waħda fi tliet persuni ndaqs: Il-Missier bħala prinċipju li jnissel il-Kelma tiegħu (li hu l-Iben), u bejnu u l-Kelma jiġi l-Ispirtu ta’ l-imħabba.
Għalhekk meta nitkellmu fuq Alla-Missier fit-Testment il-Qadim irridu nifhmu Alla wieħed li ħalaq b’att ta’ mħabba u mexxa l-bniedem bis-sejħa ta’ poplu magħżul permezz ta’ l-Ispiru tiegħu bil-ħidma tal-patrijarki u l-profeti lejn l-inkarnazzjoni tal-Kelma li tlaħħmet fl-Iben li hu Sidna Ġesù Kristu.
Il-fidi f’Alla wieħed fit-Testment il-Qadim ma ppermettietx ideat ċari fuq il-personalità tripliċi sħiħa ta’ Alla kif insibu fit-Testment il-Ġdid, imma fuq il-personalità tiegħu traxxendentali u morali (Alla li jista’ kollox, ’l fuq minn dak li hu materjali) u qaddis fis-sens ta’ Isaija (Is 6,3), etern, u Missier tal-poplu tiegħu li t-Tieni Isaija jimmedeżimah mal-Qaddej tal-Mulej li hu Kristu ssagrifikat għall-poplu fuq is-salib fejn kiseb glorja eterna bħala salvatur.
Dan li għidna fil-qosor, billi t-testi huma ħafna u kien impossibbli li nikkwotahom f’dan l-artiklu, juri li fit-Testment il-Qadim ma naslux insibu dettalji ċari dwar tal-persuna tal-Missier, u lanqas taż-żewġ persuni l-oħra.

## Fis-Sinottiċi (Mattew, Marku u Luqa)

Rigward il-Persuna tal-Missier, is-Sinottiċi jitkellmu fuqha b’relazzjoni ma’ Kristu (“salvifikament” u mhux “ontololikament”). Il-Missier hu missier ta’ S.Ġ. Kristu mhux bħal ma huma l-missirijiet tagħna l-bnedmin, iżda bħala “principium non principiatum”, (bidu mhux mibdi) fost it-tliet Persuni li miegħu “bdew” (terminu imperfett) onoloġikament il-ġenerazzjoni eterna ta’ Ibnu u l-spirazzjoni ta’ l-Ispirtu s-Santu f’relazzjoni ta’

għerf u mħabba, li kellhom jiġu rivelati fiż-żmien minn Ġesù u mill-Ispirtu s-Santu.

## F'San Ġwann

Fit-teoloġija profonda ta' San Ġwann, il-Missier jidher b'relazzjoni ma' l-Iben u ma' l-Ispirtu s-Santu. Bħall-kittieba l-oħra tat-Testment il-Ġdid, Ġwanni jitratta dwar il-persuna tal-Missier mhux "in se" (fiha nfisha), iżda "ad nos" (dwar dak li jmiss is-salvazzjoni tal-bniedem. Il-Missier hu l-"principium quo" li minnu titnissel il-Kelma (Kristu) u jiġi l-Ispirtu mqaddes, għalkemm hu daqshom fin-natura. Kristu qal li hu ġej mill-Missier: kien il-Missier li bagħtu (Ġw 5,36.), ħalla f'idejh kull ġudizzju (5,23), tah li jkollu l-ħajja fih innifsu (5,26). Imma hu u l-Iben huma ħaġa waħda fil-ħajja u fil-ħidma, għax min jara l-Iben jara l-Missier (Ġw 14,10s.), għax il-Missier hu fih (Ġw 20,14).

## Il-Persuna ta' l-Iben fis-Sinottiċi

Rigward it-tieni Persuna distinta mill-Missier, f'San Mattew naqraw kliem profond li jitfa' dawl kbir fuq il-faqar ta' moħħna: "F'dak iż-żmien Ġesù qabad jitkellem u jgħid: Niżżik ħajr,Missier Sid is-sema u l-art, għax ħbejt dawn il-ħwejjeġ lill-għorrief u lill-għaqlin u wrejthom liċ-ċkejknin. Iva, Missier, għax hekk għoġob lilek. Kollox kien mogħti lili minn Missieri, u ħadd ma jagħraf l-Iben ħlief il-Missier, kif ħadd ma jagħraf il-Missier ħlief l-Iben, u dak li l-Iben irid jgħarrafhulu" (Mt 11,25-27). Dan il-kliem juri ċar li Ġesù huwa persuna distinta mill-Missier u fl-istess ħin ħaġa waħda miegħu.
Barra minn dan, insibu testi oħra li juru l-qawwa divina ta' Kristu bħala persuna distinta

*San Ġwann l-Evanġelista*



mill-Missier:
1) Mal-miġja tiegħu kellha bidu s-saltna tas-sema fuq l-art (Mt 12,28; Lq 11,20);

2) Minnu tiddependi s-salvazzjoni jew il-kundanna tal-bniedem (Mk 13,9-13);

3) Min iwarrab lilu jkun iġġudikat (Mt 11,20-24);

4) Hu għandu s-setgħa fuq il-mard, il-mewt u d-dnub, u l-fejqan hu sinjal li juri s-setgħa tiegħu li jaħfer id-dnubiet (Mk 2,1-12).

5) Hu għandu s-setgħa fuq l-stess liġi li Alla ta lil Mosè (Mk 2,3-28).

It-titlu "Iben ta' Alla" fih innifsu ma jurix id-divinità ta' Kristu, għax aħna wkoll ulied Alla f'ċertu sens. Imma Ġesù kien jagħti lilu nnifsu dan it-titlu biex jiddistingwi ruħu mill-qaddejja u s-semmiegħa, li kienu jafu tajjeb it-Testment il-Qadim; kienu u jifhmu li Ġesù kien qiegħed jagħti lilu nnifsu setgħa li hija ta' Alla biss (Mk 10,28-31; 11,27-33; 12,1-12.35-44).

## Fl-ittri ta' San Pawl

Fuq Kristu San Pawl jitkellem fit-tul għax wara l-konverżjoni Kristu sar għalih parti minn ħajtu u ismu kien dejjem f'qalbu u fuq fommu. Hu jiddeskrivi l-persuna ta' Kristu bħala:

a) "Ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (2 Kor 4,4). Il-kelma griega li juża Pawlu mhijiex xbieha fit-tifsir komuni tal-kelma, iżda "eikon" bħal ritratt jew figura eżatta tal-persuna ta' Alla l-Missier. Hija rivelazzjoni assoluta ta' Alla.

b) Kristu huwa "eikon tou theou, prototokos pases ktiseos" (figura ta' Alla, l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha" (Kol 1,15). Huwa l-ewwel fost ħlejjaq mhux għax hu kretura imma għax hu mnissel mill-moħħ u l-imħabba tal-Missier li fih, permezz tiegħu u għalih sar kollox.

ċ) Bih dħalna fis-saltna tad-dawl u ksibna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet (Kol 1,13) li Alla biss jista' jaħfer.

d) Kristu kellu n-natura Alla...u deher minn barra qisu bniedem għax ċekken lilu nnifsu u miet fuq is-salib (Filip 2,6s.). Fl-ittra oriġinali Pawlu jgħid li Kristu kien "en morfè theou" = fin-natura ta' Alla nnifsu, fil-konfigurazzjoni divina mal-Missier mibgħut minnu, għalkemm daqsu fin-natura.

e) Il-Missier bagħat lil Ibnu fostna (Gal 4,4) biex insiru wlied adottivi tiegħu (Efes 2,12-18, mhux iktar barranin imma ċittadini tas-sema u membri ta' l-istess familja ta' Alla (Efes 2,19).

f) Bil-fidi fi Kristu aħna nkunu fil-paċi m'Alla (1 Tess 1,1; 2 Tess 1,1); fih insibu il-vera ħajja, il-ħajja fis-safa tagħha, ħielsa mid-dnub li jeqred. (Rum 6,3-11). Fih insibu u niksbu il-qawwa u l-għerf ta' Alla (1 Kor, 1,24; Kol 1,29; Filip 4,13).


TINSEWX
iġġeddu l-Abbonament
tagħkom fir-rivista
tagħna għas-sena
2010



# L-ART IMQADDSA

**MAL-FRANĠISKANI, L-ARĊISQOF**
**U Ż-ŻGĦAŻAGĦ**

*Bejn il-5 u t-13 ta' Lulju 2009*

*(ara paġni tan-nofs)*